**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 586/19**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**Vs**

**Leslie Farrugia**
**Susanne Camilleri**

**Illum 18 ta' Ottubru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba fil-konfront ta' **Leslie Farrugia**, iben Mary Grace Farrugia, imwieled il-Pietà fid-9 ta' April 1992, residenti ġewwa 37, Flat 6, Triq Felic, Bormla, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 202492(M) **u** fil-konfront ta' **Susanne Camilleri**, bint Raymond u Rita neè Vella, imwielda l-Pietà fid-29 ta' Settembru 1985, residenti ġewwa 37, Flat 6, Triq Felic, Bormla, u detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 535385(M), talli:

1. Nhar il-11 ta' Settembru 2019, għall-ħabta ta' 16:15hrs, ġewwa Triq Hompesch, Fgura, bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-dannu ta' Josephine Moffat anzjana ta' 80 sena, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa indipendenti u aċċidentali mill-volontà tagħhom;

Fil-konfront ta' **Susanne Camilleri waħedha**, talli:

1. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkaġunat ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Josephine Moffat anzjana ta' 80 sena skond kif iċċertifikat Dr. Stella Caruana MD 2069 miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid;

[1] Fol. 280 u 281 tal-proċess.

Fil-konfront ta' **Leslie Farrugia waħdu**, talli:

1. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D. fid-Digriet tagħha ta' l-1 ta' Awwissu 2019 li bih tat il-ħelsien mill-arrest;
2. Fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiża imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D., datata 20 ta' Frar 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel;
3. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi sar reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena skond il-Liġi, il-Qorti tordna r-revoka tad-Digriet li bih l-imputat Leslie Farrugia ngħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu kif ukoll tordna li d-depożitu kif ukoll s-somma bħala garanzija personali, tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputati wieġbu li ma humiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet deotti fil-konfront tagħhom[2];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 3 sa' 8 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Paul Camilleri mogħtija waqt is-seduti tas-7 ta' Ottubru 2019[3], tat-28 ta' Ottubru 2020[4] u tas-26 ta' Jannar 2021[5] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. 'PC1" sa' Dok. "PC4" a fol. 28 sa' 33 tal-proċess u Dok. "PCX" a fol. 308 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Lydon Zammit mogħtija waqt is-seduti tas-7 ta' Ottubru 2019[6], tat-3 ta' Marzu 2020[7], tat-28 ta' Ottubru 2020[8] u tat-12 ta' Lulju 2021[9] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "LY1" sa' Dok. "LY10" a fol. 40 sa' 51 tal-proċess, Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 178 sa' 185 tal-proċess u Dok. "LZX1" u Dok. "LZX2" a fol. 313 u 314 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Josephine Moffat mogħtija waqt is-seduti tas-7 ta' Ottubru 2019[10] u ta' l-24 ta' Mejju

---

[2] Fol. 284 u 285 tal-proċess.
[3] Fol. 25 sa' 27 tal-proċess.
[4] Fol. 306 u 307 tal-proċess.
[5] Fol. 341 sa' 347 tal-proċess.
[6] Fol. 34 sa' 39 tal-proċess.
[7] Fol. 177 tal-proċess.
[8] Fol. 309 sa' 312 tal-proċess.
[9] Fol. 393 sa' 399 tal-proċess.
[10] Fol. 52 sa' 56 tal-proċess.

2021[11] u x-xhieda ta' PC1087 Roderick Degiorgio mogħtija waqt is-seduti tas-7 ta' Ottubru 2019[12], tas-16 ta' Novembru 2020[13] u ta' l-24 ta' Mejju 2021[14] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "RD1" sa' Dok. "RD7" a fol. 59 sa' 65 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC195 Melvin Calleja mogħtija waqt is-seduti tas-7 ta' Ottubru 2019[15], tat-28 ta' Ottubru 2020[16] u ta' l-24 ta' Mejju 2021[17] u x-xhieda ta' WPC350 (illum WPS350) Lorna Panzavecchia mogħtija waqt is-seduti tat-12 ta' Novembru 2019[18] u ta' l-24 ta' Mejju 2021[19], semgħet ix-xhieda ta' Dr. Maria Stella Caruana mogħtija waqt is-seduti tad-19 ta' Novembru 2019[20] u tat-3 ta' Diċembru 2020[21], semgħet ix-xhieda ta' Sergio Cappitta[22] u ta' Alex Meruzzi[23] mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 2019, semgħet ix-xhieda ta' Christian Gera mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2019[24] u x-xhieda ta' PC965 Maverick Camilleri mogħtija waqt is-seduti tas-7 ta' Jannar 2020[25] u tat-12 ta' Lulju 2021[26] u rat l-oġġetti esebiti minnu markati Dok. "MC1" u Dok. "MC2" a fol. 94 tal-proċess u d-dokumenti markati Dok. "MC3" u Dok. "MC4" ukoll esebiti minnu a fol. 95 u 96 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Avukat Dottor Raisa Colombo mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2020[27] u rat ir-Relazzjoni ta' l-imsemmija Avukat Dottor Raisa Colombo u t-traskrizzjoni ta' l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputati a fol. 101 sa' 174 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Norbert Grech mogħtija waqt is-seduti tat-13 ta' Frar 2020[28] u ta' l-24 ta' Mejju 2021[29] u x-xhieda ta' l-Espert Tekniku John Sacco mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Ġunju 2020[30] u rat ur-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "JS" a fol. 250 sa' 267 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC1404 Dale Cassar mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2020[31] u x-xhieda ta' Donna Sciberras, illum Donna Borg, mogħtija waqt is-seduti tat-28 ta' Ottubru 2020[32] u ta' l-24 ta' Mejju 2021[33], semgħet ix-xhieda ta' Eunice Grech Fiorini, Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2020[34] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "EG1" u Dok. "EG2" a fol. 320 sa' 327 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-imputata Susanne Camilleri mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Lulju 2021[35] u x-

[11] Fol. 369 sa' 373 tal-proċess.
[12] Fol. 57 u 58 tal-proċess.
[13] Fol. 334 sa' 336 tal-proċess.
[14] Fol. 383 sa' 387 tal-proċess.
[15] Fol. 66 u 67 tal-proċess.
[16] Fol. 315 u 316 tal-proċess.
[17] Fol. 377 sa' 379 tal-proċess.
[18] Fol. 73 u 74 tal-proċess.
[19] Fol. 380 sa' 382 tal-proċess.
[20] Fol. 77 u 78 tal-proċess.
[21] Fol. 338 u 339 tal-proċess.
[22] Fol. 79 u 80 tal-proċess.
[23] Fol. 81 u 82 tal-proċess.
[24] Fol. 86 u 87 tal-proċess.
[25] Fol. 92 u 93 tal-proċess.
[26] Fol. 389 sa' 392 tal-proċess.
[27] Fol. 100 tal-proċess.
[28] Fol. 175 tal-proċess.
[29] Fol. 367 u 368 tal-proċess.
[30] Fol. 247 sa' 249 tal-proċess.
[31] Fol. 304 u 305 tal-proċess.
[32] Fol. 317 u 318 tal-proċess.
[33] Fol. 374 sa' 376 tal-proċess.
[34] Foll. 319 tal-proċess.
[35] Fol. 409 sa' 417 tal-proċess.

xhieda ta' l-imputat Leslie Farrugia mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Awwissu 2021[36]

Rat illi l-imputata Susanne Camilleri tqiegħdet taħt Ordni ta' Superviżjoni Temporaneja b'Digriet maħruġa mill-Qorti Kriminali datat 15 ta' April 2020[37] u rat illi l-imputat Leslie Farrugia wkoll tqiegħed taħt Ordni ta' Superviżjoni Temporaneja b'Digriet ta' din il-Qorti datat 3 ta' Lulju 2020[38];

Rat illi nħareġ Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' l-imputata Susanne Camilleri għas-salvagwardja ta' Josephine Moffat, permezz ta' Digriet datat 15 ta' April 2020[39];

Rat ir-Rapporti ta' l-Uffiċjal tal-Probation Sarah K. Bezzina, li qed issegwi lill-imputata Susanne Camilleri ai termini ta' l-Ordni ta' Superviżjoni esebiti a fol. 287 u 288 tal-proċess, fol. 300 u 301 tal-proċess, fol. 348 tal-proċess, fol. 357 tal-proċess, fol. 363 tal-proċess, fol. 407 tal-proċess u fol. 419 tal-proċess u rat ir-Rapporti ta' l-Uffiċjal tal-Probation Maria Mifsud li qed issegwi lill-imputat Leslie Farrugia ai termini ta' l-Ordni ta' Superviżjoni esebiti a fol. 290 sa' 292 tal-process, fol. 328 sa' 330 tal-proċess, fol. 349 u 350 tal-proċess, fol. 351 sa' 353 tal-proċess, fol. 355 u 356 tal-proċess, fol. 365 u 366 tal-proċess, fol. 400 sa' 406 tal-proċess u fol. 428 sa' 436 tal-proċess;

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 28 ta' Settembru 2020[40], permezz ta' liema l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputati biex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

Fil-konfront ta' l-**imputati Leslie Farrugia u Susanne Camilleri**:

- Fl-Artikoli 41(1)(a), 261(a), 261(ċ), 262, 267, 274, 276A, 277, 279(a), 280, 282, 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' l-**imputata Susanne Camilleri**:

- Fl-Artikoli 214, 215, 221 u 222A tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' l-**imputat Leslie Farrugia**:

- Fl-Artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 28A, 28B, 28Ċ u 28F tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

---

[36] Fol. 420 sa' 427 tal-proċess.
[37] A tergo ta' fol. 208 sa' a tergo ta' fol. 209 tal-proċess.
[38] Fol. 268 tal-proċess.
[39] A tergo ta' fol. 207 u fol. 208 tal-proċess.
[40] Fol. 295 sa' 297 tal-proċess.

Rat li waqt is-seduta tat-3 ta' Diċembru 2020, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u wara li entrambe l-imputati ddikjaraw li ma għandhomx oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi trattat bi proċedura sommarja, inqraw l-Artikoli;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputati Leslie Farrugia u Susann Camilleri qed jiġu akkużati talli nhar il-11 ta' Settembru 2019, għall-ħabta ta' 16:15hrs, ġewwa Triq Hompesch, Fgura, bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37, għad-dannu ta' Josephine Moffat anzjana ta' 80 sena, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa indipendenti u aċċidentali mill-volontà tagħhom.

L-imputata Susann Camilleri qed tiġi akkużata talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkaġunat ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Josephine Moffat anzjana ta' 80 sena skond kif iċċertifikat Dr. Stella Caruana MD 2069 miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid.

L-imputat Leslie Farrugia qed jiġi akkużat talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi: (i) naqas milli jħares il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D. fid-Digriet tagħha ta' l-1 ta' Awwissu 2019 li bih tat il-ħelsien mill-arrest; (ii) fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiża imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D., datata 20 ta' Frar 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel; (iii) u aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi sar reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

L-imputati wieġbu li ma humiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 28 ta' Settembru 2020[41], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputati biex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt: A. Fil-konfront ta' l-**imputati Leslie Farrugia u Susanne Camilleri**: (i) Fl-Artikoli 41(1)(a), 261(a), 261(ċ), 262, 267, 274, 276A, 277, 279(a), 280, 282, 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ċ) Fl-Artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. B. Fil-konfront ta' l-**imputata Susanne Camilleri**, fl-Artikoli 214, 215, 221 u 222A tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u Ċ. Fil-

[41] Fol. 295 sa' 297 tal-proċess.

konfront ta' l-**imputat Leslie Farrugia**: (a) Fl-Artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) Fl-Artikoli 28A, 28B, 28Ċ u 28F tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ċ) Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Provi:**

F'dawn il-proċeduri xehdet l-allegata vittma **Josephine Moffat**[42], illi ddikjarat li twieldet fit-18 ta' Jannar 1939 u b'hekk fiż-żmien meta kienet qed tixhed, ossia fis-7 ta' Ottubru 2019, hija kellha wieħed u tmenin (81) sena. Fir-rigward tal-każ in kwistjoni Josephine Moffat xehdet illi: *Jiena ħriġt mid-dar biex niġbed xi ħaġa tal-flus mill-magna ta' l-HSBC. ... Tal-Fgura, infatti qiegħda ġo biċċa triq li qiegħda qisha għall-bank biss u tiġi faċċata ta' ħanut li jbiegħ toys u affarijiet hekk. Jiena ħriġt, qsamt, dħalt il-bank, kien hemm waħda qabli u spiċċat, dħalt jiena, u meta dħalt jiena u kif kont ser naqsam biex immur għat-triq tiegħi waqqafni raġel li kellu female miegħu u qalli, "tgħina naqra għax waqfitilna l-karozza hawn fuq." Jiena ħarist 'il fuq u ma rajt l-ebda karozza għax dik triq wiesa' u twila jiġifieri karozza taraha u ndunajt u għedt din xi ħaġa mhux postha, għax tieqaflek il-karozza tmur fejn il-bank u l-karozza ma tidhirx jiġifieri altru rrid inkun bela' u ma nafx x'naqbad ngħid biex nemmen oġġett hekk. Imbagħad dort u qalli, "fejn togħqod?" Ma rrispondejtux, dort u qsamt it-triq ħalli mmur għad-dar. Kif nitla' l-bankina eżatt ta' fejn hemm il-hanut tat-toys, inħoss daqqa ġo dahri hekk u ma' qaddi u din ser taħtaf il-portmoni u kif dort hekk għaraftha mill-ewwel għedt dik li kienet ma' dak. ... Għaraftha li kienet l-istess waħda li kienet qiegħda ma' dak li lili talabni biex ngħinhom għax waqfitilhom il-karozza, jiġifieri hi kienet għax għaraftha ċar għax meta dak li jkun jieqaf ikellmek, tħares lejh jiġifieri. Dak il-ħin kif ħatfitli l-portmoni, jiena għafast u ġejna qed niġġieldu għalih niġbdu t-tnejn. Sadanittant peress li l-main road kienu għaddejjin in-nies li kienu qed jinġabru u jiena għajjat, "qed tipprova tistraqli l-portmoni." Dak il-ħin inġabru n-nies, jiena waqajt fl-art u dak il-ħin li jiena waqajt fl-art u kif waqajt ħassejt il-portmoni għadu f'idejja għedt mela qagħtet qalbha u telqet għax ma rnexxilhiex. In-nies bdew igħiduli biex immur nagħmel rapport l-għassa u kkonvinċewni li mbagħad immur l-Għassa tal-Fgura. Minn hemmhekk imbagħad mort il-Polyclinic għaċ-ċertifikat tat-tabib u terġa' qabel jiena mort hemmhekk imbagħad hu qasam it-triq u ġie, qgħadt inħares hekk f'għajnejh jien biex nurih li qbadthom x'inhuma u qalli, "aħna ġejna biex ngħinuk." Jiena ma rrispondejtux u bqajt inħares lejh però fehmni li huma għamlu żball, infatti telaq u sema' anki lin-nies igħiduli biex immur l-għassa nagħmel rapport. Għamilt ir-rapport jiġifieri l-Għassa tal-Fgura qaluli biex nagħmel ċertifikat tat-tabib u għaddejtu lura l-Għassa.*

Fir-rigward tal-ġrieħi li sostniet, Josephine Moffat iddikjarat: *ma' idejja kelli d-demm. ... Taż-żewg idejn, għax niftakar ukoll li lill-Pulizja għedtlu li ser inċappaslu l-bieba bid-demm. Imbagħad naturalment il-Polyclinic nadfuli dirgħajja mid-demm, ix-xokk li kelli imbagħad tlaqt. ... Meta qomt mill-art rajthom jiena għax sadanittant jiena kont qed niġbed lil hemm u hi tiġbed ukoll u waqt li kont qed niġbed jiena waqajt fl-art u hi ċediet li ma setgħatx tirbaħ, biex ngħid hekk. ... Ix-*

[42] Xhieda in eżami mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru 2019, fol. 52 sa' 56 tal-proċess.

*xokk għadu fuqi għax jiena li nħoss lil xi ħadd warajja dik mhux ħaġa sew, sadanittant jekk qed jippruvaw jitolbu l-għajnuna biex ngħinhom, jimxu b'dak il-mod! Dak il-ħin ġibt quddiem għajnejja, għaliex jiena kont fi skola u kelli lid-deaf and dumb u kont għadni kemm qed inkellem lil waħda, inkellimha bis-sinjali, u għedt messhom ħatfu lilha u dak il-ħin kieku stajt għax huma qabżu fuqi u jiena kont naqbeż fuqhom agħar. Jiena ġibt quddiem għajnejja min hu deaf and dumb allura mela lili qed jitolbuli l-flus għall-karozza meta l-karozza ma teżistix, sadanittant ma qatgħux qalbhom u bagħtha warajja u hi ebda kelma ma qalet, imbagħad meta qomt mill-art, għax kont minn tuli fl-art jien, meta għenuni u qomt mill-art għax minn tuli fl-art kont jiena u meta għenuni u qomt mill-art, għax il-portmoni ħassejtu, imbagħad biex jgħaddi ż-żmien qalli, "ġejna biex ngħinuk."*

Fil-kors tax-xhieda tagħha Josephine Moffat għarfet lill-imputati bħala ż-żewġ persuni involuti fl-attentat ta' serq a detriment tagħha. Hija fil-fatt qalet: *hemm ara qegħdin ħdejn xulxin, fil-fatt jiena kont itwal minnha u ma setgħatx tirbaħli allura jiena kelli ċans niġbed iktar u dak kien li jiena ppretendejt li qiegħed liebes pulit li huwa bniedem li jmur jaħdem mhux jigi qed igħidli bil-karozza u qed jurini bis-sinjali u l-karozza ma teżisitix fi triq twila bħal dik.* Apparte li għarfet lill-imputati fil-kors tax-xhieda tagħha, Josephine Moffat già kienet għarfet lill-imputat Leslie Farrugia fil-kors ta' l-investigazzjonijiet tal-Pulizija, hekk kif jirriżulta mid-dokument Dok. "PC1" a fol. 28 u 29 tal-proċess.

Il-Prosekuzzjoni esebit ukoll dokument, ossia dikjarazzjoni, markat Dok. "PC2a", li mix-xhieda ta' Josephine Moffat jirriżulta li hija dikjarazzjoni, jew kif tgħid hi rapport, ippreparat minnha stess wara l-akkadut hekk kif irritornat id-dar. F'din id-dikjarazzjoni, jew rapport kif issejjaħlu Josephine Moffat, l-istess Josephine Moffat iddikjarat is-segwenti: *On Wednesday 11th September 2019 at around 4:00p.m. I went to withdraw some money from HSBC machine in (Wesgħet il-Kunsill ta' l-Ewropa) Fgura. After I withdrew the money and started walking from the bank to go back home, a man accompanied by a female stopped me and begged me for help regarding their car break down. I asked where is the car. He said up there, I looked at the area he pointed but did not see any car. I thought as strange means waiting near a bank asking for help while the car was not seen anywhere. I said I am going home to bring the bank card which I left at home. He asked me where I live, I did not answer and left. When I crossed the road facing "EGO Stationery and Gifts" shop and stepped on the pavement I felt sort of a punch in my back between my waist and elbow on the left where I was holding the purse/wallet. I turned straight and noticed it was the female who was near HSBC trying to grab my purse. We ended up fighting for the purse. As it was all in the main road, people who were passing noticed our fight and stopped. I said loudly "She is trying to steal my purse". We all ended up sort of a fight to help me. I fell down on the pavement and felt the purse was still in my hand which meant to me that she left as there was no chance to win in such situation. A lady offered me her help to get up from the ground and now her friend who stayed near HSBC came near the lot and said to me, We came to help you! I kept looking at him in his eyes. He seemed like he felt they made a mistake. Maybe he even heard the people telling & advising me to go and make a report at the police station which I did.*

In kontro-eżami[43] Josephine Moffat ikkonfermat li fil-ħin li kien hemm persuna femminili qed tipprova toħdilha l-portmoni, *inġabru n-nies u meta nġabru n-nies imbagħad qam jiġifieri ħafna għajjat qisna qegħdin niġġieldu ilkoll bejnietna.* Iddikjarat li hi ma tafx min kienu dawn in-nies li nġabru dak il-ħin u li ndaħlu fil-kwistjoni għaliex *kienu għaddejjin minn hemmhekk u peress illi dak il-ħin qed nissaraw b'idejna jien u hi biex teħodli l-portmoni u jiena qed nibqa' nżommu iebes u jiena kont itwal minnha allura peress li itwal minnha, għaliha kienet diffiċli iktar biex tisraquli l-portmoni wara li jien ġejt mill-bank.* Tenniet li n-nies kienu *għaddejjin fit-triq u kif bdejna ngħajtu imbagħad resqu n-nies u nġabru w infatti, huma għamlu pressure fuqi biex immur l-Għassa tal-Pulizija għax imbagħad jiena, la hi ma rnexxiliex teħoduli, speċi, għax imbagħad jiena waqajt fl-art, hu min-naħa tal-faċċata resaq imbagħad lejha naturalment biex jgħidilha mbagħad għax m'għamlu xejn u sema' lin-nies jgħiduli "Mur l-Għassa għamel rapport".* Josephine Moffat qalet li ż-żewġ persuni involuti fl-attentat ta' serq tal-portmoni tagħha kienu qed *jgħamlu s-sinjali lil xulxin għax hu kien in-naħa ta' bankina u hi in-naħa l-oħra għax imbagħad hu qasam meta ra li m'għamlet xejn u meta hu qasam qal "aħna ġejna biex ngħinuk".*

Fir-rigward tal-fatt li hija waqgħet ma' l-art waqt l-akkadut, Josephine Moffat iddikjarat li hija ġiet imbuttata *għax kulħadd jimbotta speċi f'xulxin, mhux imbuttata minnha per eżempju. Mhux hi mbuttatni.* Murija d-dokument Dok. "PC1", ossia r-ritratti li fosthom għarfet lill-imputat bħala wieħed mill-persuni involut fl-attentat ta' serq a detriment tagħha, Josephine Moffat ma setgħetx tiftakar li kienet ġiet murija dak id-dokument u kull ma tiftakar hu li r-raġel involut fil-kwistjoni kien raġel twil.

Il-ġrieħi sofferti minn Josephine Moffat ġew iċċertifikati minn **Dr. Maria Stella Caruana**[44] u ġew ikklassifikati bħala ġrieħi *ħfief b'konsegwenti sempliċi* - Dok. "PC3" a fol. 32 tal-proċess.

Xehed ukoll l-**Ispettur Paul Camilleri**[45] li ddikjara li: *Jiena kont wieħed mill-uffiċjali li nvestigajna dan il-każ. Dan kellna rapport nhar il-11 ta' Settembru ta' din is-sena* (2019) *fejn ċerta Josephine Moffat irrappurtat li kien hemm żewġ persuni li ppruvaw jeħdulha l-wallet minn fejn l-HSBC tal-Fgura, faċċata ta' l-HSBC. Dakinhar kont qabbadt is-sezzjoni tad-DSU biex iduru l-cameras għaliex ma kellna xejn f'idejna dak il-ħin, kull ma kellna l-verżjoni li qaltilna l-istess Josephine. Però mill-verżjoni li qaltilna l-istess Josephine stajt nasal għal suspett ta' żewġ minn nies li huma Susanne Camilleri u Leslie Farrugia li qed nagħraf hawn bħala imputati fl-Awla. Mid-deskrizzjoni li tatna ta' wiċċhom u nafu għax għandi kaz miegħu u għadu frisk f'moħħi. Fid-deskrizzjoni ta' wiċċu, għandu ċertu features f'wiċċu li l-persuna waslitni mill-ewwel għalih. Iktar tard nhar it-12 ta' Settembru kont aċċedejt ġewwa d-dar ta' Josephine Moffat fejn kont urejtha xi ritratti ta' nies li huma suspects bin-numri minn 1 sa' 9 fejn kien hemm imdawwar fosthom bin-numru 4 li huwa Leslie Farrugia u ndikatuli bħala l-persuna li kien avviċinaha dakinhar tar-rapport u*

[43] Kontro-eżami waqt is-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2021, fol. 369 sa' 373 tal-proċess.
[44] Vide wkoll xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 2019, fol. 77 tal-proċess u xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Diċembru 2020, fol. 338 u 339 tal-proċess.
[45] Xhieda in eżami mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru 2019, fol. 25 sa' 27 tal-proċess.

*mmarkat bħala n-numru 4. Għandi d-dokument ffirmat minni u mill-vittma u nista' nipprezentah* - Dok. "PC1" a fol. 28 u 29 tal-proċess.

L-Ispettur Camilleri xehed ulterjorment illi: *meta rajna li dawn is-suspetti qed jiġu iktar fondati, konna rajna s-CCTV cameras u rajna l-istess imputati mexjin fl-area fil-ħinijiet li tatna l-vittma u iktar ikkumbinajna l-affarijiet. Konna ħriġna Mandat t'Arrest fit-23 ta' Settembru fejn ġew arrestati Leslie Farrugia u Susanne Camilleri fejn ittieħdu ġewwa d-Depot tal-Pulizija fejn għamilna l-interrogation jiena u l-Ispettur Lydon Zammit. Waqt din l-interrogation ikkonfermaw li kienu fuq il-post, ikkonfermaw li kellmu lill-vittma però huma ċaħdu li għamlu serqa fuqha. Bdew isemmu xi nies oħra u spjegajnilhom li dawn in-nies l-oħra ma kienux hemm, rajna l-cameras u spjegajnilhom kemm il-darba li l-vittma ndikat lilhom u baqgħu jinnegaw. Aktar tard is-sinjura Moffat, kienet bagħtitli ittra l-Għassa tal-Pulizija, fejn spjegat il-ġrajja ta' dakinhar. Din l-ittra hija dettata minnha stess u ffirmata fl-aħħar. Din kienet qiegħda ġo envelope abjad li kienet bagħtet hi stess l-Għassa* - Dok. "PC2" u Dok. "PC2a" a fol. 30 u 31 tal-proċess.

L-Ispettur Camilleri kkonferma wkoll li Josephine Moffat twieldet fl-1939 u ippreżenta ċertifikat maħruġ minn Dr. Maria Stella Caruana relattivament għall-ġrieħi sofferti minn Josephine Moffat - Dok. "PC3" a fol. 32 tal-proċess. Ippreżenta ukoll id-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif presjeduta mill-Maġistrat Monica Vella datat 1 ta' Awwissu 2019, li bih l-imputat Leslie Farrugia - li l-Ispettur Camilleri għarrfu bħala l-imputat f'dawn il-proċeduri - ingħata ħelsien mill-arrest taħt il-kondizzjonijiet hemm stipulati - Dok. "PC4" a fol. 33 tal-proċess. Fis-seduta fit-28 ta' Ottubru 2020[46], l-Ispettur Paul Camilleri ippreżenta wkoll dokument bl-isimijiet tal-persuni[47] li jidhru r-ritratti tagħhom fid-dokument Dok. PC1 a fol. 29, muri lil Josephine Moffat għall-finijiet ta' l-identifikazzjoni tar-raġel involut fil-każ mertu ta' dawn il-proċeduri. Ikkonferma ukoll li kien preżenti waqt l-istqarrijiet mogħtija mill-imputati u li l-istess imputati kienu ngħataw is-soliti drittijiet ossia li jikkonsultaw avukat u d-dritt tas-silenzju iżda li jekk jagħżlu li jwieġbu għall-mistoqsijiet dak li jgħidu jista' jintuża kontra tagħhom.

In kontro-eżami[48] l-Ispettur Paul Camilleri ddikjara li fil-każ in kwistjoni kien hemm attentat biex jinsteraq il-portimoni ta' Josephine Moffat u għalkemm huwa ra dan il-portimoni, li fl-aħħar mill-aħħar baqa' għand Josephine Moffat u ma insteraqx, ma setgħax jiftakar x'kien fih dan l-istess portmoni. L-Ispettur Camilleri ikkonferma wkoll li fil-kors ta' l-investigazzjonijiet tal-Pulizija nġabru c-CCTV cameras ta' Hompesch Road kif ukoll tat-toroq adjaċenti. Fil-fatt kien hemm iktar minn camera waħda u kien hemm cameras mal-ħajt ta' l-HSBC u tal-BOV kif ukoll faċċata, ossia man-naħa tal-Maypole. Dawn il-cameras bdew jiġu analizzati ftit ħin wara li daħal ir-rapport ta' l-attentat ta' serqa. Huwa ddikjara li *camera eżatt faċċata l-HSBC m'hemmx. Fejn ġrat il-post eżatt jiġifieri fejn qed nieħdu punt eżatt fuq il-bankina fejn hemm dak il-ħanut li jbiegħ l-affarijiet tal-custom jewellry u hekk, Gift xi ħaġa jismu imma nsejt eżatt, eżatt eżatt hemmhekk m'hemmx. Però cameras fl-inħawi*

[46] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2020, fol. 306 u 307 tal-proċess.
[47] Dok. "PCX" a fol. 308 tal-proċess.
[48] Xhieda in kontro-eżami mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2021, fol. 341 sa' 347 tal-proċess.

*hemm u nqabdu l-imputati hawn preżenti għaddejjin mit-triq jiġifieri huma kienu f'dik il-lokazzjoni pressapoco f'dak il-ħin.*

Mistoqsi kif wasal għall-imputati Leslie Farrugia u Susanne Camilleri bħala l-persuni involuti f'dan l-attentat ta' serqa, l-Ispettur Camilleri wieġeb *għax meta tibda tinvestiga l-ewwel ma jkollok xejn f'idejk imbagħad x'ħin tinvestiga ssir taf l-affarijiet, rajna l-cameras, kellimna lix-xiħa, ix-xiħa mid-deskrizzjoni tagħha mill-ewwel tagħtna deskrizzjoni ċara ta' min huma l-imputati, knowing li jiena naf lill-imputati, mid-deskrizzjoni li tagħtni l-vittma, jiena stajt nasal mill-ewwel mid-deskrizzjoni tal-vittma, min kienu l-imputati u li qed nerġa' nagħraf hawnhekk fl-awla. Id-deskrizzjoni tax-xiħa kienet quite sharp u convincing.* Fir-rigward tal-features f'wiċċ l-imputat, l-Ispettur Camilleri ddikjara li dawn huma features f'wiċċ u fuq moħħ l-imputat Leslie Farrugia li jidhru anke fir-ritratt fuq Dok. "PC1" a fol. 29 tal-proċess. Fir-rigward ta' kif ġie identifikat l-imputat Leslie Farrugia l-Ispettur qal *lill-imputat għarfitu* (ossia Josephine Moffat għarfitu) *għaliex għarfet wiċċu. Deskrizzjoni ta' li qed tgħid inti għaraftu jiena għaliex il-vittma ma tafx x'jismu. ... Qabel ma' l-anzjana rat dawn ir-ritratti, digà kienet tatni deskrizzjoni ta' wiċċu b'dawn il-features. Meta urejtha r-ritratt għarfitu komplessivament wiċċu. Mhux il-features għarfet imma għarfet il-wiċċ.* Mill-ġdid dwar kif l-imputati odjerni qed jiġu akkużati b'dan l-attentat ta' serqa partikolarment meta ma kienx hemm CCTV camera li qabdet dak li ġara, l-Ispettur Paul Camilleri ddikjara *jiena lil dawn l-imputati hawnhekk rajnihom fit-triq, bl-istess ħwejjeġ, bl-istess tip ta' features u bl-istess tip ta' wiċċ li ndikatilna l-vittma. Aħna rajnihom fil-ħin, ftit qabel jew wara, ma nistax niġi eżatt f'liema ħin però fil-ħin li ġara l-każ. Jiġifieri ma kienx hemm ħin twil u dawn jiġifieri ma dehrux siegħa wara li ġara l-każ. Kien hemm ftit minuti u jiġifieri fil-location kienu hemm.* L-Ispettur Camilleri żied jgħid illi *l-imputati, meta konna qed nagħmlu l-interrogazzjonijiet, semmewlna xi nies oħra li raw l-inċident u li kienu fuq il-post. Semmewlna xi xjuħ fil-verità, mhux ismijiet. ... Ma rajna lil ħadd ħlief lill-imputati. Nies oħra li għamlu r-reat, ħlief l-imputati, aħna ma rajniex. ... In-nies li bdew jirreferu għalihom l-imputati li kienu huma li għamlu r-reat u mhux huma, fuq il-post, ma rajnihomx. ... Lanqas fuq il-cameras u lanqas kellna deskrizzjoni la tal-vittma u lanqas ta' xejn jiġifieri ma rajnihom imkien lil dawn. Jiena meta mort fuq il-post u wkoll tkellimt ma' nies, ma semmewlix nies; ħafna nies bdew jgħiduli li ma raw xejn, però ma rajniex nies bid-deskrizzjoni li tawn l-imputati, ħlief l-imputati. ... in-nies li semmewli huma li kienu qalu li kienu hemm, ix-xjuħ tal-kantuniera li jkunu hemmhekk is-soltu, meta mort inkellimhom jiena u mort bla uniformi biex ma jiħdux forsi qata' li hemm pulizija, imma identifikajt ruħi ovvja li jiena pulizija bl-id card, dawn qalu li ma raw xejn. Ħafna minnhom qalu li ma kienux hemm u l-oħrajn qalu li ma raw xejn.*

Xhud ieħor li xehed f'dawn il-proċeduri huwa l-**Ispettur Lydon Zammit**[49], illi iddikjara li: *fil-11 ta' Settembru ta' din is-sena għall-ħabta tal-4:30, ċertu Josephine Moffat bl-id card 79139(M) għamlet rapport fl-Għassa tal-Fgura li kienet għadha kif sfat vittma ta' attentat ta' serqa minn Triq Hompesch fil-Fgura stess. Hi spjegat mal-Pulizija li wara li ġibdet il-flus mill-bank tal-HSBC li jinsab fl-istess triq cioè Hompesch Road, waqqfuha 2 min-nies li kienu raġel u mara li talbuha xi flus*

[49] Xhieda in eżami mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru 2019, fol. 34 sa' 39 tal-proċess.

*minħabba li kif spjegatilna hi minħabba li l-karozza tagħhom kienet waqfet. Hi spjegatilhom li hi ma kellhiex flus minħabba li l-card kienet nesietha d-dar u riedet tmur id-dar biex iġġib il-card biex tkun tista' tiġbed. Hi qalet lill-Pulizija li dawn iż-żewġ min-nies ir-raġel kien liebes flokk aħdar. Min-naħa tal-pulizija, minħabba li kellha xi injuries jiena ġejt infurmat ukoll li kienet ittieħdet fil-Paola Health Centre biex tiġi mdewwija minħabba l-ġriehi li kienet soffriet. Mal-Pulizija kienet spjegat li kif wara li talbuha l-flus dawn iż-żewġ min-nies hija qasmet it-triq għan-naħa l-oħra tal-bankina, jiġifieri Hompesch Road min-naħa tal-knisja qasmet għall-bankina l-oħra ftit 'l isfel mit-traffic lights, u f'daqqa waħda xi ħadd qisu mbuttaha minn dahrha u kif daret issib lil din il-persuna li kienet it-tfajla li kienet talbitha l-flus u pruvat tiġbdilha l-handbag. Hi spjegat li kienu waqgħu mal-art, baqgħet iżżomm il-handbag u wara li rat hekk, din il-persuna femminili li aggredixxietha hi telqet 'l hemm u ftit ħin wara gie r-raġel li kien saqsiha n-naħa l-oħra għall-flus li kien ma' din it-tfajla fejn kien qalilha li huma marru biex jgħinuha u mhux huma kienu. Hi bdiet tgħid illi kienu l-istess persuni li aggredixxewha u li talbuha l-flus. Hi min-naħa tagħha anke kienet spjegat li kien hemm persuna li marret tgħinha li kienet indikatilha lill-istess mara li kienet liebsa flokk cafe' e latte u li kienet l-istess persuna li kienet talbitha l-flus u hi rrikonoxxietha li kienet l-istess persuna li aggredixxietha u li ippruvat teħdilha l-handbag li kellha f'idha li ma rnexxiliex. Hi marret tagħmel ir-rapport tagħha mal-pulizija fejn minn hemmhekk bdiet l-investigazzjoni kemm min-naħa tal-Pulizija tad-Distrett fejn anke min-naħa tagħhom għamlu xi enquiries fuq il-lok fil-post fejn kienet seħħet din l-attentat ta' serqa minħabba li hemm post fejn ipoġġu anzjani fejn min-naħa tagħhom kienu għamlu xi enquiries u jiena ġejt infurmat illi n-nies li kienu saqsew kienu kollha qalu li ma kinux raw l-inċident. Dawn l-enquiries kienu saru ftit ħin wara sakemm ittieħed ir-rapport u marret il-policlinic. Minn hemmhekk kienu bdew jiġu analizzati minħabba li t-triq kienet main road u hemm ħafna ħwienet. Bdejna naraw x'cameras tas-sigurtà hemm fejn hemm numru ta' cameras. Min-naħa tal-pulizija ma kienx hemm inkjesta għalhekk inġabru bħala police work fejn inġabru tad-Dhalia Real Estates, tal-K. Hobbies Stationery kienet overwritten għaliex meta marru tal-Forensic ġejna nfurmati li kienu overwritten. Watermelon Supermarket ġew infurmati l-Pulizija illi s-sistema ma kinitx qed taħdem, il-Maypole li qiegħed fuq l-istess bankina minħabba li kien qiegħed isir xi xogħol mal-faċċata, il-cameras kienu mgħottijin bl-iscaffolding, tal-Isphinx, Bank of Valletta, Easybet tal-gaming outlet, HSBC u ta' Transport Malta. Dawk kollha nġabru mill-Pulizija u għandi kopja tagħhom hawnhekk. Dak il-ħin kien hemm xi suspett illi setgħu kienu ċertu Leslie Farrugia u ċertu Suzanne Camilleri minħabba li d-description li kienet tat il-persuna mal-Pulizija kienet tixbah ħafna lil dawn iż-żewġ persuni li kienu known mal-Pulizija tad-Distrett. Min-naħa tiegħi, lil Leslie Farrugia kont nafu minn fuq ix-xogħol imma lil Suzanne ma kontx nafha jiġifieri ma stajtx inqabbel id-description li kienet qed tforni l-vittma dak il-ħin ma' Suzanne Camilleri. Bdejna naraw is-CCTV footages wara li nġabru u rriżulta li ż-żewġ min-nies li kien hemm naqra suspett fuqhom ġie kkonfermat illi kienu fuq il-post għaliex jidhru ġejjin min-naħa tal-Gallarija tal-Fgura u dik inqabdet mill-camera ta' Transport Malta, baqgħu mexjin fuq l-istess bankina tal-Għassa tal-Pulizija tal-Fgura għaliex inqabdu mill-camera tal-Easybet hemmhekk, imbagħad iktar il-quddiem jinqabdu mill-camera tal-BOV fejn kienu waqqfu żewġ persuni, għalkemm ma għandniex is-sound fuq il-camera, imma jidhru li qegħdin jitolbuhom xi flus fejn dan ġie*

*kkonfermat ukoll min-naħa taż-żewġ persuni meta ġew arrestati. Imbagħad l-inċident in se ma nqabadx jiġifieri l-incident fejn ġara quddiem liema ħanut, il-cameras ma kienux qed jaħdmu u għalhekk ma nqabadx l-inċident sfortunatament. Il-Pulizija għamel it-timeline ta' dawn il-cameras, ħa l-istills tal-cameras u se jiġu preżentati aktar il-quddiem lil din il-Qorti. Min-naħa tagħna, jiena kont tlabt lill-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli biex toħroġ warrant of arrest rigward ta' Leslie Farrugia bl-id card 202492(M) u ta' Suzanne Camilleri bl-id card 535385(M) li qed nagħrafhom bħala ż-żewġ imputati preżenti fl-awla. Inħareġ dan il-mandat li mbagħad sussegwentement fl-24 ta' Settembru tas-sena 2019 għall-ħabta tat-3:00, Leslie Farrugia u Suzanne Camilleri ġew arrestati t-tnejn li huma mill-Pulizija minn PC965 u PC1044 min-naħa tas-CID mir-residenza tagħhom li hija 37, Flat 6, Triq Felic, Bormla. Saret tfittxija fir-residenza tagħhom fejn irriżulta li dawk iż-żewġ t-shirts li jidhru li qegħdin fuq is-CCTV footages irriżulta li kienu għandhom u ġew elevati mill-Pulizija. Fil-fatt kienu anke ingħataw irċevuta rigward dan. Huma nġiebu fl-uffiċċju tiegħi s-CID fejn iddikjaraw li meta ngħataw id-drittijiet tagħhom inkluż biex ikellmu u jikkonsultaw għall-assistenza legali, it-tnejn li huma rrifjutaw li jagħmlu dan u iffirmaw dikjarazzjoni rigward dan. Waqt l-istatement, l-istorja tagħhom it-tnejn kienet komuni u huma spjegaw iktar il-quddiem vera kienu hemmhekk f'dik l-area, vera kienu preżenti għall-inċident imma huma min-naħa tagħhom bdew jispjegaw li vera waqqfu lill-persuni biex jittallbu iżda huma ma kienux il-persuni li wettqu dik is-serqa. Kienet persuna li huma ddeskrivew bħala persuna liżbjana, qawwija u b'xagħrha mqaxxar. Min-naħa tagħna aħna wara din l-informazzjoni, jiena personali erġajt kellimt lill-vittma minħabba li hemmhekk kien qed ikolli verżjoni ta' dawn iż-żewġ persuni li bdiet taqbel u min-naħa tagħha l-persuna spjegatli u kienet ċara ħafna illi l-persuna li ppruvat tisraqha kienet l-istess persuna li kienet mal-ġuvni u li talbitha l-flus quddiem l-HSBC. Fil-fatt hi tat l-istess deskrizzjoni li mbagħad stajt nikkonfermaha jien li kienet ta' Suzanne. Meta jiena saqsejtha mistoqsija jekk kienx hemm persuna oħra nvoluta f'din is-serqa hi qaltli li le imma kienet dik il-persuna li talbitha l-flus in-naħa l-oħra. Jiġifieri l-anzjana, l-allegata vittma, kienet ċara ħafna fil-verżjoni tagħha. Xorta ridt nassigura l-affarijiet minħabba din il-verżjoni u min-naħa tagħna erġajna bdejna naraw is-CCTV's taż-żewġ naħat. Huma min-naħa tagħhom qaluli li din il-persuna li huma qed jallegaw li serqet lil din l-anzjana ġriet fid-direzzjoni tal-Għassa tal-Fgura. Jiġifieri għandna cameras li jikkaverjaw dik l-area fuq iż-żewġ bankini jiġifieri tad-Dhalia, tal-BOV u tal-Easybet u dak il-ħin qbadna naraw il-filmati kollha biex naraw jekk ma tgħaddix din l-allegata aggressur li kienu qed jallegaw huma imma fl-ebda ħin ma tgħaddi din il-persuna jiġifieri la min-naħa tal-bankina tad-Dhalia u lanqas min-naħa tal-bankina tal-knisja. B'hekk jiena lil Leslie hin minnhom ukoll urejtu ritratt meta bdew jgħidu l-istorja li dak il-ħin kienet qed tiġi investigata min-naħa tagħna ta' ċertu Donna Borg jew Donna Sciberras għaliex bidlet kunjomha, urejtu dan ir-ritratt minħabba li bdew jagħtu din id-deskrizzjoni u mill-ewwel qalli li hi kienet. Jiena saqsejtu jekk kienx jaf x'jisimha jew x'għamlet imma qalli li ma kienx jaf x'jisimha u baqa' jinsisti illi kienet hi l-istess persuna meta wara li għidtlu li rajna s-CCTV's u rajna l-footages kollha qatt ma dehret din il-persuna imma hu baqa' jinsisti li din qed tinvolvi ruħha ħafna f'atti kriminali. Meta erġajt għidtlu kif ma jafx x'jisimha, ma jafx min hi imma jaf li qed tinvolvi ruħha f'dawn l-affarijiet hu qalli li n-nies jitkellmu għaliex din hija liżbjana. Dak kien il-kliem li Leslie qalli. Jiena minn*

*hemmhekk meta rajt li din hija just fil-fehma tal-investigazzjoni li fuq is-CCTV's ma jidhrux u qishom qegħdin jitfgħu l-htija fuq xi ħaddieħor, jiena rrikorrejt biex neħdilhom audiovisual statement it-tnejn li huma fejn ittieħed dakinhar stess cioè fl-24 ta' Settembru tas-sena 2019 jiena flimkien mal-Ispettur Paul Camilleri fejn kif spjegajt dawn baqgħu jgħidu l-istorja prattikament l-istess iżda meta ġejna għad-dettalji huma ma bdewx jaqblu. Per eżempju minn fejn ġew, kif waslu fuq il-post fejn Leslie beda jgħid li waqqafhom persuna għaliex waqfitlu l-karozza imma min-naħa ta' Suzanne hi qaltilna li ġew min-naħa tad-dar jiġifieri minn Bormla, wara li staqsew għall-flus li qabblu li staqsew għall-flus il-mod fejn kienu qed jistennew fejn wieħed qalli li baqgħu sejrin lejn id-dar iżda Suzanne qaltli li waqfu u poġġew fuq bank imbagħad għalhekk raw l-inċident, min minnhom wasal l-ewwel fuq il-vittma Suzanne qalet li hi qabdet lill-allegata aggressur, xeħtitha mal-art imbagħad bdiet tipproteġi lill-vittma u ntefgħet fuq il-vittma u min-naħa tiegħu Leslie qal li hu wasal fuq l-aggressur u tefagħha hu mal-art. Jiġifieri kien hemm dettalji li bdejt nara li huma għalkemm l-istorja bażika kienet taqbel tagħhom bdejt nara li l-istorja meta ġejna għad-dettalji kien hemm diskrepanza. Dawn id-dettalji li spjegajt qegħdin fl-audiovisual statement u l-qorti se jkollha ċ-ċans li tara. Meta rajna din l-inkonsistenza min-naħa tal-persuni, mill-investigazzjoni ddeċidejna li nressqu liż-żewġ imputati. Fil-fatt jiena flimkien mal-ispetturi Fabian Fleri u Paul Camilleri ressaqna liż-żewġ imputati fil-25 ta' Settembru ta' din is-sena quddiem il-Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace fejn it-tnejn iddikjaraw li ma humiex ħatja tal-akkużi u kienu ntbagħtu l-habs fuq arrest preventiv.*

Fir-rigward tar-ritratt li wera lill-imputat Leslie Farrugia, l-Ispettur Lydon Zammit iddikjara li: *dan ir-ritratt ittieħed minn fuq inċident li kellna f'Birżebbuġa fl-10 ta' Settembru fejn dehret din il-persuna li tressqet nhar il-Ġimgħa 4 ta' Ottubru, tressqet fuq dan il-każ flimkien ma' żewġ persuni oħra u r-ritratt kien minn CCTV li kienet tinsab fl-istess triq f'Birżebbuġa. Jiġifieri l-istill ma kellu qatt x'jaqsam ma' dan il-każ li qed nitkellmu fuqu.* L-Ispettur Zammit ippreżenta l-okkorrenza relattiva għall-każ li seħħ f'Birżebbuġa, liema każ mhux relatat ma' dak odjern - Dok. "LZ1" a fol. 40 sa' 42 tal-proċess. Fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2020[50], l-Ispettur Lydon Zammit esebixxa żewġ ritratti[51] fejn tidher Donna Sciberras u reġa' tenna li *din l-istill ma ttehditx mill-cameras li hemm fil-lokalità relatata ma dan il-każ, iżda mill-cameras tas-sigurtà li għamlet referenza ghaliha fejn ġiet imressqa Donna Sciberras rigward is-serqa ta Birżebbuġa. Jiġifieri li r-ritratt li qed nagħmel referenza għalih fix-xhieda tiegħi huwa dak ir-ritratt li ġiet murija.* L-Ispettur Zammit saħaq li l-każ li kienet involuta fih Donna Sciberras u l-każ odjern, għalkemm ġew entrambe investigati minnu, ma kellhom xejn x'jaqsmu ma' xulxin. Żied illi din Donna Sciberras: *qatt ma ssemmiet. Kont jiena li kien hemm dan ir-ritratt fuq id-desk tiegħi u s-sinjura, hawnhekk preżenti* (ossia l-imputata Susanne Camilleri), *kienet qaltli li din kienet wettqet is-serqa. ... Li kienet għamlet tal-Fgura. ... Donna Sciberras, fl-ebda mument, fl-ebda ħin u fl-ebda camera, ma tidher. Jidhru biss iż-żewġ persuni li qegħdin akkużati f din il-kawża.* Mistoqsi jekk bagħatx għal Donna Sciberras in konnessjoni ma' dan il-każ, l-Ispettur Zammit wieġeb *ma ħassejtx* (il-bżonn li jibgħat għal Donna Sciberras) *għax Alla ħares kull persuna li nkun qed ninvestiga u jsemmili ruxmata ta nies li jkolli nibgħat għalihom wara l-*

---

[50] Fol. 309 sa' 312 tal-proċess.
[51] Dok. "LZX1" u Dok. "LZX2" a fol. 313 u 314 tal-proċess.

*investigazzjoni tiegħi biex ituni l-assigurazzjoni. M għandix għaliex. Jiena, l-investigazzjoni tiegħi, irriżultali biċ-ċar li din is-serqa twettqet miż-żewġ imputati li għandna hawnhekk għax għamlu ammissjoni li kienu hemmhekk plus li l-cameras jidhru biċ-ċar li kienu fuq il-post. Donna Sciberras, fl-ebda ħin ma dehret fuq il-cameras. Anke kif kienet spjegata wkoll waqt l-istqarrija ta Suzanne Camilleri, hi qaltli li din il-persuna li mbagħad wara qalet li hija Donna Sciberras, telqet tiġri fid-direzzjoni tal-knisja tal-Fgura. Cameras hemm ruxmata u gew preżentati ovvjament anke l-ħinijet ta wara u Donna Sciberras ma tidher imkien. … Le, ma bgħattx* (għal Donna Sciberras) *għax ma ħassejtx li għandi nibgħat għaliha. … Jiena* semmejtielu (lill-imputat Leslie Farrugia) *imbagħad f daqqa waħda dar kollox li hija Donna Sciberras. Jekk jiena jirriżultali mill-investigazzjoni tiegħi li din il-persuna ma kellhiex x taqsam, le ma nibgħatx għaliha għax m għandi l-ebda dritt li nibgħat għall-persuna. … Le, ma bgħattx għaliha. Ma kelli fuq l-ebda grounds nibgħat għall-persuna.*

L-Ispettur Lydon Zammit ippreżenta ċ-ċertifikat tat-twelid ta' Josephine Moffat - Dok. "LZ2" a fol. 43 tal-proċess, ir-rifjut tal-jedd għall-assistenza legali ta' l-imputat Leslie Farrugia u r-rifjut tal-jedd għall-assistenza legali ta' l-imputata Suzanne Camilleri - Dok. "LZ3" u Dok. "LZ4" a fol. 44 u 45 tal-proċess, audio-visual statement ta' l-imputat Leslie Farrugia u audio-visual statement ta' l-imputata Suzanne Camilleri - Dok. "LZ5" u Dok. "LZ6" - fol. 45 u 46 tal-proċess. It-traskrizzjoni ta' l-audio-visual statements ta' l-imputati saret mill-Espert nominata l-**Avukat Dr. Raisa Colombo** u l-istess traskrizzjonijiet jinsabu esebiti a fol. 101 sa' 174 tal-proċess[52]. Apparte minnhekk, l-Ispettur Zammit esebixxa wkoll CCTV footages li nġabru mill-Pulizija waqt l-investigazzjonijiet tagħhom, liema CCTV footages huma tal-cameras tad-Dhalia, ta' Transport Malta, ta' l-Easybet u tal-BOV - Dok. "LZ7" sa' Dok. "LZ10", ilkoll esebiti minn fol. 47 sa' 51 tal-proċess. Il-footages fuq Dok. "LZ7" sa' Dok. "LZ10" ġew analizzati mill-**Espert Tekniku John Sacco** u huwa ħareġ l-istills rilevanti għal dan il-każ. Ir-Relazzjoni ta' l-Espert Tekniku John Sacco tinsab esebita bħala Dok. "JS" a fol. 250 sa' 267 tal-proċess[53].

L-Ispettur Lydon Zammit ippreżenta ukoll is-segwenti sentenzi: "Il-Pulizija v. Leslie Farrugia", deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-20 ta' Frar 2018, Dok. "A" a fol. 178 u 179 tal-proċess u "Il-Pulizija v. Leslie Farrugia", deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-18 ta' Diċembru 2018, Dok. "B" a fol. 180 sa' 185 tal-proċess. Kopji legali ta' dawn l-istess żewġ sentenzi ġew esebiti minn Eunice Grech Fiorini, Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, bħala Dok. "EG1" u Dok. "EG2" a fol. 320 sa' 327 tal-proċess, u hija kkonfermat li ma kienx hemm appell minn dawn iż-żewġ sentenzi[54].

In kontro-eżami l-Ispettur Lydon Zammit tenna li l-verżjoni ta' Josephine Moffat dwar l-inċident hija li f'daqqa waħda ħasset lil xi ħadd jimbuttaha minn wara u x'ħin darbet sabet lill-imputata Susanne Camilleri qed tipprova toħdilha l-portmoni. Żied ukoll li għalkemm sar tentattiv mill-Pulizija biex jiġu identifikati n-nies li raw dan il-

[52] Vide anke xhieda ta' l-Avukat Dr. Raisa Colombo mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2020, fol. 100 tal-proċess.
[53] Vide wkoll xhieda ta' l-Espert Tekniku John Sacco mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Ġunju 2020, fol. 247 sa' 249 tal-proċess.
[54] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2020, fol. 319 tal-proċess.

każ, inklużi l-persuna li Josephine Moffat qalet li għenitha tqum kif ukoll l-anzjani li kienu fuq il-bank, dawn baqgħu qatt ma ġew identifikati għaliex altrimenti l-Prosekuzzjonni kienet ittellagħhom bħala xhieda. Għalkemm waqt il-kontro-eżami l-Ispettur Zammit ma setax jiftakar bi preċiżjoni d-deskrizzjoni li kienet tathom Josephine Moffat tal-persuni li ppruvaw jisirquha, huwa ddikjara li *kienet żgur illi ġew identifikati Leslie u Susanne huma illi mill-filmati li nġabru tul it-triq kollha, hemm filmati illi fortunatament huma ċarissimi jiġifieri kien faċilment li jiġu identifikati li huma Leslie u Susanne li kienu dawk. Jiġifieri ma kienx hemm ħafna bżonn li jkollna description tal-persuna għaliex kienet faċli illi jiġu identifikati mill-cameras ċari li hemm, li fil-fatt ġew preżentati wkoll. Kienet ukoll iktar faċli għaliex il-persuni dehru wkoll, fil-fatt qiegħda preżentata wkoll, illi qed jitolbu l-flus eżatt kif spjegat is-sinjura. Imma rigward il-ħwejjeġ qablu żgur jiġifieri mad-deskrizzjoni li kienet tat il-vittma kienu jaqblu mal-persuni illi jidhru fis-CCTV. ... X kienu lebsin u anke kienet tat xi description taż-żewġ persuni u meta tgħaqqad id-description tal-vittma, is-CCTVs u kollox, wasalna biex inkunu nistgħu nressqu lil Leslie u lil Susanne. ... Lil Susanne Camilleri ressaqtha fuq is-serqa u lil Leslie Farrugia ressaqnieh b komplicità minħabba li kien magħha u avviċinaha anke n-naħa l-oħra. Fil-fatt, l-anzjana anke ndikat li kien hemm raġel mal-persuna femminili.*

Dwar Donna Sciberras, illum Donna Borg, l-Ispettur Lydon Zammit iddikjara li *beda kollox waqt li jiena kont se ninterroga lil Susanne, kelli ritratt, kelli still ta serqa oħra li seħħet f Birżebbuġa ftit jiem qabel imbagħad l-istill li mbagħad irriżulta li hija ta Donna Borg, kienet fuq id-desk tiegħi, sa' dak il-ħin ma kienet issemmiet l-ebda Donna Borg u kif rat l-istill qaltli dik, fil-fatt l-istill ukoll ġie preżentat f dan il-proċess, qaltli Dik kienet li għamlet is-serqa", qaltli li kienet ġriet fid-direzzjoni tal-knisja jiġifieri direzzjoni biex niftehmu lejn Raħal Ġdid, il-kliem tagħha stess u min-naħa tiegħi, erġajt qabbadt lill-Pulizija tiegħi biex jerġgħu jaraw il-filmati kollha biex naraw jekk dik il-persuna femminili li huma qed jindikaw jekk tidhirx fil-filmati u fil-fatt in-naħa fejn huma stess qed jgħidu, mhux l-anzjana, l-anzjana qed issemmi biss il-persuna li aħna d-description hija għal Susanne, dik li serqitha hija dik li talbitha l-flus li kienet Susanne. Iżda, Susanne min-naħa tagħha kienet indikat li kien hemm mara oħra mbagħad indikatli illi kienet Donna Borg wara li rat l-istill fuq id-desk tiegħi li ma kellu x jaqsam xejn ma dak il-każ. Jiġifieri kienet serqa li seħħet fuq anzjan ġewwa Birżebbuġa ftit jiem qabel. Qaltli li kienet dik, jiena ovvjament wara li għandi dik l-informazzjoni, żgur li rrid għax ma nħossnix komdu li jiena ma nagħtix kasha, min-naħa tiegħi qabbadt lill-Pulizija tiegħi għax naf illi kellna l-filmati ta fejn hi indikat lejn il-knisja li ġriet li jiena għandi l-filmati taż-żewġ naħat jiġifieri ma setgħetx tiskapula minn hemmhekk, rajna kemm tan-naħa tal-knisja fejn kellna l-Izibet u l-cameras t hemmhekk u rajna wkoll il-bankina l-oħra fejn kien hemm il-Maypole u kien hemm xi cameras oħra. Minn dawk il-filmati, li anke ġew preżentati, ma tidher l-ebda persuna femminili li ġriet f dik id-direzzjoni.* L-Ispettur Zammit iddikjara li Donna Borg għandha tattoos.

**Donna Borg**, preċedentement Donna Sciberras, xehdet f'dawn il-proċeduri u iddikjarat li hija għandha każ pendenti l-Qorti dwar serqa li seħħet ġew Birżebbuġa u meta mistoqsija tafx xi ħaġa dwar is-serqa mertu ta' dawn il-proċeduri, hija wieġbet

*le xejn*[55]. In kontro-eżami[56], l-imsemmija Donna Borg ċaħdet li għandha xi involviment fil-każ mertu ta' dawn il-proċeduri, ossia fit-tentattiv ta' serqa a detriment ta' Josephine Moffat.

Xhud ieħor illi xehed f'dawn il-proċeduri huwa **PC1087 Roderick Degiorgio**[57] li kien l-uffiċjal tal-Pulizija illi ra l-filmati tal-footages ta' CCTV cameras li nġabru waqt l-investigazzjoni tal-Pulizija. Fir-rigward huwa ddikjara *skond id-deskrizzjoni li tat il-vittma, rajt żewġ persuni li ddeskriviet il-vittma. Bħala filmati qegħdin siegħa qabel l-akkadut u nofs siegħa wara bejn wieħed u ieħor l-akkadut. F'dak il-ħin jidhru żewġ persuni fid-deskrizzjoni li tat il-vittma, kemm deskrizzjoni fiżika x'kienu lebsin u kemm deskrizzjoni bħala l-aġir tagħhom. Minn dawn il-filmati ħadt xi stills u minn dawn l-istills iffurmajt timeline* - Dok. "RD1" a fol. 59 tal-proċess u Dok. "RD2" sa' Dok. "RD7" a fol. 60 sa' 65 tal-proċess. *Bħala timeline li hija ta' Transport Malta, fl-ewwel still jidhru żewġ persuni, persuna maskili u persuna femminili li jidhru mexjin ġewwa Triq Hompecsh, il-Fgura, direzzjoni ta' Ħaż-Żabbar. Iż-żewġ persuni ma jidhrux sewwa però imbagħad jgħaddu minn quddiem l-istabbiliment ta' l-Izibet fejn hemmhekk jingħarfu li huma Leslie Farrugia u Susanne Camilleri, l-istess nies li qed nagħraf ġewwa l-Awla. Fil-filmat imbagħad tal-BOV jidher imbagħad l-aġir li spjegat il-vittma fejn il-persuna femminili waqfet hdejn l-ATM, bdiet tistaqsi li xi persuni li kienu qed jużaw is-servizz ta' l-ATM u bdiet tkellimhom filwaqt li Leslie baqa' miexi xi ftit metri quddiemha u jħares lura biex jara x'kienet qed tagħmel. Jidher ukoll li Leslie kien liebes il-flokk l-aħdar li spjegat il-vittma u dak il-ħin kien l-unika persuna maskili flimkien ma' persuna femminili li kien għadda bi flokk aħdar, f'dan il-perjodu li ħadna. Iktar 'il fuq mill-BOV imbagħad ghax Susanne imxiet u Leslie mexa ftit metri warajha, ġara l-inċident però sfortunatament il-cameras ta' dik l-area kien hemm problema bihom u ttiehdet xi camera tad-Dhalia li qiegħda n-naħa l-oħra però ma deher xejn minnha. Kien hemm camera oħra li wkoll kellna problema biex inġibu l-filmat li kienet ta' l-HSBC però xorta ttiehdu xi stills għax rajthom jiena personalment ġewwa l-HSBC però wara li ġara dan kollu jidhru għaddejjin Susanne u Leslie flimkien. Li hemm li bejn il-BOV u l-HSBC li m'hemmx tul ta' ftit minuti għax warajhom tidher persuna li għandha xagħarha aħdar u tgħaddi żewġ minuti warajhom, meta filwaqt li f'ta' l-HSBC tgħaddi qabilhom jiġifieri bejn il-BOV u l-HSBC kien hemm żmien li dawn ma baqgħux għaddejjin dirett, kienu waqfu però ovvjament f'dik il-biċċa m'għandniex camera.*

In kontro-eżami PC1087 Roderick Degiorgio[58] ddikjara li: *jiena l-vittma ma kontx jiena li kellimtha jiġifieri d-deskrizzjoni li kelli mir-rapport u ovvjament milli jkun tani l-ispettur. Jiena kont qed infittex persuna li kien liebes flokk aħdar, li kienet persuna naqra twila u persuna femminili naqra qasira, samra, li kienet liebsa flokk beige. Apparti minn hekk, meta qed nirreferi għall-aġir, niftakar illi parti mill-affarijiet li qalet il-vittma kienu li meta kienet miexja din, persuna waqqfitha u bdiet titlobha l-affarijiet. Fil-filmati mhemmx il-biċċa tal-HSBC però f tal-BOV tidher il-persuna femminili qed tieqaf wara min kien qed jiġbed il-flus, x qed jgħidu ma*

---

[55] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2020, fol. 317 u 318 tal-proċess.
[56] Xhieda in kontro-eżami mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2021, fol. 374 sa' 376 tal-proċess.
[57] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru 2019, fol. 57 u 58 tal-proċess.
[58] Xhieda in kontro-eżami mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2021, fol 383 sa' 387 tal-proċess.

*nistax ngħid, hawnhekk infirdu, però jidher li qisha qed titlobha xi affarijiet. Ovvjament, il-filmat huwa bla sound jiġifieri però jekk tara l-filmat hekk jidher. Apparti minn hekk, jiena meta nkun qed nieħu d-deskrizzjoni, ma narax biss, għalhekk semmejt siegħa qabel u nofs siegħa wara għaliex jiena nara jekk hemmx persuni oħra li jidħlu fid-deskrizzjoni li tat il-vittma. Issa jekk tara siegħa qabel u nofs siegħa wara se tara li ma kien hemm ħadd li daħal fid-deskrizzjoni li ingħatat. … fis-sens statura u qed tgħid persuna qasira u samra għax jidhirli li qaluli li speċi ta  li l-mara kienet qasira u samra jiġifieri dik li naf. … Meta nara l-filmat nara aktar minn wieħed filmat. Issa l-filmati qegħdin wara xulxin jiġifieri jekk ġbart camera hemm bejn wieħed u ieħor ftit metri l-bogħod. Mela jekk rajt żewġ persuni mexjin fl-istess ħin, fil-camera ta  wara se nara żewġ persuni li ovvjament ma jintgħarfux però x inhuma lebsin se jidher. Fil-camera ta  wara jitngħarfu x inhuma lebsin. Issa jiena lil Leslie u lil Susanne ma nafhomx għax qatt ma ltqajt magħhom però jiena ħadt l-istill, l-istill nurih lill-ispettur u dan ovvjament, għaliex il-camera tal-Izibet hija waħda ċarissima, intgħarfu li kienu Susanne u Leslie.* Mistoqsi jekk il-persuni li jidhru mill-filmati li ġew imwaqqfa mill-imputati, ġewx identifikati, PC1087 Roderick Degiorgio wieġeb fin-negattiv. Mistoqsi wkoll dwar il-persuna b'xagħrha aħdar li semma' fix-xhieda tiegħu, PC1087 Roderick Degiorgio ddikjara *biex nispjega naqra x ġara, bejn il-BOV u l-HSBC hemm distanza qasira, jiena qed ngħid żewġ minuti u more or less huma żewġ minuti. Issa li rrid nispjega biha hi, illi bejn il-BOV u bejn l-HSBC, dawn iż-żewġ persuni, Susanne u Leslie, kienu waqfu għaliex il-persuna li għaddiet warajhom fuq l-HSBC tidher qabilhom, hemm perjodu ta  ħin illi tidher qabilhom. Allura semmejt lil din il-persuna sempliċement bħala persuna li nista  nidentifika biex kien hemm gap tal-ħin. … Li huma f xi ħin, bejn il-BOV u bejn l-HSBC m għandniex camera allura ovvjament, f xi ħin waqfu għaliex hemm distanza jiġifieri lanqas jekk timxi kemm timxi bilmod ma setgħet taqbiżhom. … imma fl-ebda ħin ma pruvajna nidentifikawha jiġifieri.*

Ir-rappreżentanti tad-diversi stabbilimenti u fondi li pprovdew filmati lill-Pulizija xehdu f'dawn il-proċeduri u lkoll, ossia **Sergio Cappitta**[59] għal Izibet, **Alex Meruzzi** għall-Bank of Valletta p.l.c.[60], **Christian Gera** għal Dhalia Real Estate[61] u **Norbert Grech** għal Transport Malta[62], ilkoll ikkonfermaw li għaddew il-filmati lilhom mitluba lill-Pulizija. In kontro-eżami, Norbert Grech iddikjara li l-camera ta' Transport Malta li hemm f'Hompesch Road, il-Fgura, hija camera li talterna d-direzzjoni 'l fuq u 'l isfel, kull tant sekondi ddur skond kif hi issettjata l-istess camera.

Xehed ukoll **PC195 Melvin Calleja**[63] illi ddikjara li n*har il-11 ta' Settembru 2019 daħal rapport fuq snatch and grab fuq mara anzjana li sar minn ġuvni u tfajla. Jiena flimkien ma' l-Ispettur tiegħi morna nkellmu lill-vittma, fejn din iddeskriviet liż-żewġ persuni, bħala l-ġuvni li kien liebes flok aħdar piżella, eżatt dak il-kliem li qalet u t-tfajla qasira u samra. Irrakkuntat x'ġara u x'ma ġarax fejn dawn iż-żgħażagħ l-ewwel talbuha xi flus minħabba l-petrol u hi qaltilhom li m'għandhiex flus u wara t-tfajla marret fuqha biex tipprova tisraqilha l-portmoni però ma*

[59] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 2019, fol. 79 u 80 tal-proċess.
[60] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-19 ta' Novembru 2019, fol. 81 u 82 tal-proċess.
[61] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2019, fol. 86 u 87 tal-proċess.
[62] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2020, fol. 175 tal-proċess.
[63] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru 2019, fol. 66 u 67 tal-proċess.

*irnexxilhiex. Il-ġuvni mbagħad mar fuq il-mara, l-vittma biex igħinha tqum u qalilha, "ġejt biex ngħinek." L-Ispettur ukoll urieha xi ritratti lill-vittma fejn hi identifikat in-numru 4 li huwa Leslie Farrugia. Minn naħa tagħna, ġbarna xi cameras fuq dik il-bankina, li għalkemm ma jġibx fejn ġara l-każ, iġib iktar'il fuq, jiġifieri jekk kien hemm xi moviment seta' jiġi jidher minn dik il-bankina. Minn fejn tad-Dhalia ma jidher xejn, xi ħadd qed jiġri jew hekk, rajna ta' Sanctuary 21, l-istess u ġbarna camera ta' Transport Malta li dak il-ħin kienet qiegħda tipponta lejn Raħal Ġdid mhux il-fejn ġara l-każ iżda minnha dehru ż-żewġ suspettati għaddejjin, imbagħad komplew l-investigazzjonijiet tagħhom l-Ispetturi.* Iddikjara li ra l-footage ta' CCTV cameras ta' Sanctuary 21 iżda ma ra xejn irregolari.

In kontro-eżami[64] PC195 Melvin Calleja xehed dwar l-identifikazzjoni ta' l-imputat Leslie Farrugia da parte ta' Josephine Moffat, fejn kienet għarfet in-numru 4 mir-ritratti murija lilha iżda ma ftakarx jekk għarfitux minn xi fattizzi partikolari. Mistoqsi wkoll hu kif kien jaf li l-imputati kienu suspettati f'dan il-każ, PC195 Melvin Calleja wieġeb *għax kellna suspett ovvjament min huma u aħna nafuhom u niftakar il-preċiżi kelmiet tal-vittma illi l-ġuvni kien liebes flokk aħdar piżella u fil-filmat jidher il-persuna bi flokk aħdar piżella.* Xehed ukoll illi l-inċident ma deherx fuq il-cameras u l-Pulizija saru jafu x'ġara mill-verżjoni li tat Josephine Moffat.

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2020, PC195 Melvin Calleja iddikjara li huwa kien bagħat *request* għall-filmati lill-Bank of Valletta p.l.c. u lil Transport Malta u meta rċevihom għaddihom lill-Ispettur Lydon Zammit.

Xhud oħra f'dawn il-proċeduri hija **WPC (illum WPS) 350 Lorna Panzavecchia**[65] illi xehdet li *jiena kont xogħol bħala orderly fejn għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ġiet sinjura eċitata u qaltli li kienet għadha kif ġiet aggredita. Din qaltli li kienet marret tiġbed mill-ATM ta' l-HSBC u kif harġet avviċinaha raġel fejn talabha xi ħaġa tal-flus minħabba l-petrol għaliex waqfitlu l-karozza. Hi qaltlu li nesiet il-Cashlink id-dar u kienet sejra għaliha u kif qasmet mil-lights u eżatt rifset il-bankina, kien hemm tfajla fejn ġibditilha l-portmoni u mbuttatha. Hija u nieżla s-sinjura reġgħet ħatfitu lura l-portmoni u telqu jiġru għax kienu tfajla u ġuvni. Imbagħad sakemm ġabruha u hekk huma leħqu telqu jiġru u hi ġiet lejn l-Għassa. Meta ġiet l-Għassa hi kellha xi dmijja magħha u jiena għedtilha biex tmur tagħmel ċertifikat mediku.* Stqarret li d-data kienet il-11 ta' Settembru 2019 għall-ħabta ta' 4:30p.m.

In kontro-eżami WPC (illum WPS) 350 Lorna Panzavecchia ddikjarat li d-deskrizzjoni mogħtija lilha dak il-ħin minn Josephine Moffat kienet li *hu kien liebes flokk aħdar u hi kienet b libsa blu fejn kellha xi tattoos – kellha waħda ma idejha imma ma qaltlix fejn u kellha xi ħaġa ma saqajha wkoll tattoo.* Mistoqsija dwar il-verżjoni li tatha Josephine Moffat ta' kif seħħ il-każ WPS350 Lorna Panzavecchi wieġbet *minn kif spjegatli, hi u nieżla, din baqgħet nieżla bih. Issa jiena hemmhekk ma kontx jiġifieri ma nafx x ġara eżatt. … hi u nieżla, hi u timbuttaha, irnexxielha tieħdu lura u tinżel bih mal-art.* Mistoqsija wkoll dwar in-nies li nġabru fuq il-post ta' l-inċident u min seta' għen lil Josephine Moffat tqum mill-art, WPS350 Lorna

[64] Xhieda in kontro-eżami mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2021, foll. 377 sa' 379 tal-proċess.
[65] Xhieda in eżami mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2019, fol. 73 u 74 tal-proċess.

Panzavecchia wieġbet *meta bgħatt lin-nies ma kienux hemm, kienu telqu minn fuq il-post jiġifieri ma nafx min seta  mar jiġborha jew hekk jiena.*

Xehed ukoll **PS965 Maverick Camilleri**[66] illi ddikjara li *nhar l-24 ta' Settembru tas-sena 2019 jiena kont xogħol fis-CID fejn l-Ispettur tiegħi Lydon Zammit u l-Ispettur Fabian Fleri tawni żewġ mandati ta' Leslie Farrugia u ta' Susanne Camilleri li qed nagħraf preżenti hawnhekk f'din l-awla. Għaldaqstant, jiena mort fir-residenza tagħhom li kellhom li kienet 37, Flat 6, Triq Feliċ, f'Bormla, fejn dakinhar stess għamilt diversi attentati biex jiftħuli. Imbagħħad għall-ħabta tas-14:15pm fetaħli xi hadd mill-komun tagħhom stess u qalli li kien se jgħajtilha u dan mar jgħid lil Susanne. Dakinhar konna jiena u PC 1404. Għaldaqstant, Susanne niżlet isfel fejn aħna nfurmajniha li hija kienet arrestata, tajniha l-kopja tal-mandat u għidnielha li hi qed tiġi arrestata fuq attentat ta' serq. Staqsejniha jekk kienx hemm Leslie u qaltilna li Leslie ma kienx qiegħed hemmhekk. Qaltilna li Leslie x'aktarx mar għand ommu. Għidnielha biex nitilgħu fuq fir-residenza u qaltilna li kienet issakkret barra u ma kellhiex ċwievet. Jiena u PC 1404 tlajna fuq xorta ma' Susanne fejn dak il-ħin waqt li konna magħha nfetaħ il-bieb u hi daħlet ġewwa. Jiena ħabbat mill-ewwel u malli għidnielha illi konna se nifthu l-bieb bil-forza, fetħitilna. Malli dħalna sibna lil Susanne u kien hemm Leslie wkoll. Aħna għidnielha x'kien qiegħed jagħmel hemmhekk peress li hi qaltilna li ma kienx hemmhekk u hi qaltilna li kien fil-kamra tal-banju u ma kinitx taf li qiegħed hemmhekk. Imbagħad aħna tajna l-mandat lil Leslie u nfurmajnieh li huwa arrestat u għidnielhom li konna se nagħmlu tfittxija fl-appartament tagħhom. Issa bażikament dan l-appartament kien jikkonsisti malli tidħol issib il-kċina, imbagħad kamra fuq ġenb, kamra oħra fuq ġenb u kamra tal-banju. Aħna bdejna nagħmlu s-search fejn lejn il-kamra tal-banju kien hemm mazz ħwejjeġ fejn aħna għamilna s-search għall-ħwejjeġ għaliex konna rajna xi footages minn qabel u jiena u PC 1404 elevajna flokk li kienet bih waqt il-filmati li rajna tal-attentat ta' serqa ta' Suzanne li huwa flokk beige, flokk aħdar li kien bih Leslie u żarbun li kien bih Leslie li jiena qiegħed nippreżenta* - Dok. "MC1" u Dok. "MC2" fol. 94 tal-proċess.

In kontro-eżami PS965 Maverick Camilleri[67] ddikjara li *l-investigazzjoni taħdem li qegħdin team kollha naraw x għandna bżonn imbagħad awtomatikament aħna naraw il-filmati li jaraw il-kollegi tagħna u ninnutaw ċertu affarijiet għax huwa xogħlna u x'ħin konna qed nagħmlu din is-search rajna dawn il-ħwejjeġ li kienu eżatt bħal li kien hemm fil-filmati. Bażikament dak hu. Il-filmati jagħtuhomlna s-superjuri fl-aħħar mill-aħħar. ... li naghmlu s-search huwa parti mid-dmir taghna.* Fuq domanda tal-Qorti dwar jekk il-ħwejjeġ li ġabar mir-residenza ta' l-imputati kienx għarafhom hu jew kienx ingħata struzzjonijiet biex jiġbor flokk aħdar u ieħor biege, PS965 Maverick Camilleri ddikjara, *le, għax għarafnihom għaliex aħna jkollna kopji tal-filmati, narawhom, noħorġu xi ritratti mill-filmati stess illi jagħtuna l-kollegi tagħna u aħna mbagħad dak il-ħin, li jaqbel nieħdu. L-ispettur ma joqgħodx jgħidilna  Isma, iġbru din, din u din". Aħna huwa parti mill-investigazzjoni.* PS965 Maverick Camilleri ddikjara wkoll li l-flokkijiet kellhom logos fuqhom imma ma setgħax jiftakar eżatt x'kienu iżda ddikjara li *aħna nqabblu mhux just kulur għaliex jekk ikun flokk iswed mhux ha naqbdu u niġbru kwalunkwe flokk*

---

[66] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru 2020, fol. 92 u 93 tal-proċess.
[67] Xhieda in kontro-eżami mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Lulju 2021, fol. 389 sa' 392 tal-proċess.

*iswed eżempju, irid ikun hemm xi ħaġa partikolari biex ngħidu huwa l-istess.* Muri l-istills a fol. 264 u 267 tal-proċess, ossia l-istills maħruġa mill-Espert Tekniku John Sacco, PS965 Maverick Camilleri ddikjara *iva, eżattament dak il-flokk. Niftakar iva l-flokk aħdar kellu xi ħaġa hawnhekk u l-beige kellu xi ħaġa wkoll imma bl-amment illum il-ġurnata għaddew tlett snin.* Mistoqsi mill-Qorti, *jiġifieri mhux plain il-flokk?* PS965 Maverick Camilleri wieġeb *ma jidhirlix li kien plain.* Għalkemm waqt il-kontro-eżami ma setgħax jiftakar id-dettalji kollha tal-flokkijiet, PS965 Maverick Camilleri saħaq li huwa ġabar il-flokkijiet in kwistjoni għaliex għarafhom mill-filmati li kien ra.

Xehed ukoll **PC1404 Dale Cassar**[68] illi essenzjalment xehed illi *l-involviment tiegħi f dan il-każ kien li s-Sur Zammit kien tana Mandat ta  Arrest maħruġ mill-Maġistrat inkwirenti dakinhar rigward l-arrest ta  Leslie Farrugia s-sieħba tiegħu li qegħdin illum preżenti fl-awla. Eżegwixxejna dan il-Mandat jiena flimkien mas-Surgent 965 Maverick Camilleri li dak iż-żmien kien għadu kuntistabbli u li digà xehed rigward l-istess każ u ppreżenta xi affarijiet il-Qorti. Aħna morna fl-indirizz ta  37, Flat 6, Triq Feliċ, Bormla, fejn ħabbatna l-bieb u dak il-ħin ma fetaħ ħadd imbagħad niżlet is-sinjura Susanne fejn fetħitilna l-bieb u nfurmajniha li qiegħda taħt arrest rigward il-każ. Id-drittijiet tal-arrest ġew mogħtija mis-Surġent 965, tlajna fuq fi flat 6 li jiġi fit-tielet sular, qaltilna li m għandhiex ċavetta biex tiftaħ il-bieb, is-Surġent beda speċi kif se nifthu l-bieb u hekk u mexxieh naqra zgħira u infetaħ il-bieb waħdu. Hemmhekk sibna lil Leslie Farrugia li kien qiegħed ġewwa, ingħatalu d-dritt tal-arrest ukoll, tajnieh kopja tal-Mandat, għamilna s-search ġewwa, sibna żewġ flokkijiet li kienu l-istess żewġ flokkijiet li ntużaw fis-serqa għax dehru mill-cameras u dawn l-istess flokkijiet ġew preżentati fil-Qorti mis-Surġent 965. Wara li għamilna s-search u arrestajnihom, inżilna bihom il-lockup tal-Pulizija.* In kontro-eżami, PC1404 Dale Cassar xehed illi l-cameras kien rahom l-uffiċċju u li minnhom kienu nħarġu xi stills minn PS965.

F'dawn il-proċeduri xehdu wkoll iż-żewġ imputati. **L-imputata Susanne Camilleri**[69] ddikjarat illi: *jiena u l-boyfriend tiegħi Leslie konna qegħdin mexjin il-Fgura. ... In-naħa fejn hemm il-bankina fejn hemm tal-Izibet imbagħad cashlink u l-bank, eżatt faċċata tal-Maypole. ... ma nafx x jisimha t-triq. ... fejn hemm it-traffic lights, f dik il-bicca hekk, in-naħa tal-bankina tan-naħa tal-għassa biex niftehmu eżatt. ... Jiena u Leslie fil-verità, kollox se ngħidlek, konna fil-vizzju tad-droga u għall-grazzja t Alla llum, kemm jien u kemm Leslie, it-tnejn li aħna clean. Leslie għax qiegħed hemmhekk u j Alla jibqa  clean u jiena clean ilni kważi 3 months issa. Konna fuq sieq waħda u jiġifieri anke l-Ispettur stess jista  jgħidlek u mhux l-ewwel darba li rawna nkellmu lin-nies u bdew jgħidulna  Ħalluhom lin-nies, ħalluhom lin-nies" u l-Ispettur jaf aħna l-problema x kienet li aħna qegħdin immorru  Isma, jekk jogħġbok insibulek €2 għax waqfitilna l-karozza" u dan mhu vera xejn u aħna konna nagħmlu hekk għax la kellna job u ma kellna xejn. Aħna waqqafna ħafna nies u mhux lil din l-anzjana biss jiġifieri. Inzertat din l-anzjana li waqqaftha jiena u qaltli  Le, m għandix" u hekk u qabdet tgħajjat u jiena għidtilha  OK, sorry" u bqajt miexja, ma kellimthiex. Kif wasalna eżatt fejn il-lights, fil-faċċata nara tifla forma*

[68] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2020, fol. 304 u 305 tal-proċess.
[69] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Lulju 2021, fol. 409 sa' 417 tal-proċess.

*ta raġel bis-shorts abjad, flokk bil-hood u qed tiġġieled ma mara. Issa jiena ma tantx nara mill-bogħod u ma rrealizzajtx li dik l-istess anzjana li qed tiġġieled ma dik it-tifla hija l-istess anzjana illi jien kellimt u kif rajthom qegħdin jiġġieldu, sa' dak il-ħin ħallejthom u lil Leslie għidtlu Les, qed jagħtu" u kif rajtha tkaxkarha mal-art ma flaħthiex u jiena għidtlu Iġri Leslie" u jiena ġrejt u Leslie ġera warajja. Leslie qabad lil dik li kienet fuqha li kienet bil-hood, qabadha minn hawn Leslie u ġibidha l-fuq u x-xiħa mal-art wiċċha ġol-ħajt. Kif Leslie qabad lil dik li kienet fuqha, din telqet tiġri, issa jekk hux il-fuq, l hemm jew l hawn, jiena ma nafx għax dak il-ħin kien moħħi illi jiena nerfa lix-xiħa minn wara hekk, miskina wiċċha ġol-kantuniera ġol-ħajt u kif daret qaltli Għalfejn għamiltli hekk?" u jiena għidtilha Nann, mhux jien", qaltli Iva, inti kellimtni" u għidtilha Iva, jiena kellimtek imma li qabżet fuqek mhux jien". Qaltli Mhux int?" u jiena għidtilha Le, jiena kont faċċata rajt kollox u ġejt ngħinek biex tqum minn mal-art". Għidtilha X għamlitlek?" u qaltli Pruvat teħodli l-portmoni" u jiena staqsejtha fejn qiegħed il-portmoni u hi qaltli Qiegħed hawn". Kif qaltli li qiegħed hawn rajtilha l-grif hawnhekk u jiena għidtilha Nann, ismgħani, il-portmoni l-aqwa li qiegħed għandek, ma leħqitx serqitek għax ilħaqna qbiżna għalik aħna" u qabeż Leslie minn faċċata u qalilha Nann, aħna ġejna biex ngħinuk". Kif rajtilha l-girfa hawnhekk għidtilha Isma minni, issa mur għand il-Pulizija ħalli jeħduk il-clinic ta Raħal Ġdid, tagħmel ċertifikat imbagħad minn hemmhekk jiftħu l-każ il-Pulizija". Issa jiena l-iżball tiegħi kien illi jiena ma mortx magħha għax jien u Leslie konna mifxulin u mgħaġġlin li tant infxilna li qbadna t-triq u għidt imxi ha ninżlu lejn Bormla jien u Leslie u nżilna lejn id-dar minn dak il-ħin u bdejt nhewden u nhewden u bdejt ngħid Min jaf kif baqgħet" imbagħad qisu xi 3 jew 4 ijiem wara ċemplu l-Pulizija u qalli Sue, ejja l-Għassa għax irriduk" u jiena għidtlu OK" u tlajna. Qalli nixtieqek tgħidli l-istorja tal-anzjana kif saret u qed ngħidlu u kif għidtlu li ġbartha minn mal-art qalli Inti ġgbartha jew imbuttajtha?" u għidtlu Inti bis-serjetà?" u qalli Iva" u baqa jgħidli li jien u jiena ngħidlek il-verità ma tiġġudikanix għax veru, bejni u bejn Alla, li mhux qed ngħidlek is-sewwa, Alla jisħitni. Jiena din kuljum, kuljum emminni. Issa l-ħaġa hija din, li Alla ried, meta ġejt hawnhekk tfajtuni l-ħabs u l-Pulizija waqt l-istatement beda jgħidli Jekk tgħidli x jisimha nitilqek" u jiena bdejt ngħidlu Sir, naf żgur li kif qabadha Leslie waqgħatilha l-hood, kellha xagħrha mqaxxra mill-ġenb u xagħrha a la boy u kienet b shorts abjad u bi flokk bil-hood. Qalli Imma min hi?" u għidtlu Sir, jaħasra ma nafx emminni. Din kumbinazzjoni waqgħatilha l-hood għax qabadha Leslie u għaddiet minn warajja". Però jiena ma kontx moħħi fiha, jiena kont moħħi fix-xiha l-iżjed. Kif mort il-ħabs, wara tlett ijiem Alla ried li naraha u sħabi bdew jgħiduli Imma għaliex qiegħda hawn?" u għidtilhom li jiena salvajt xiħa u bdew jgħiduli Kif? Xiex?" u bdew jidhku bija. Imbagħad kien hemm waħda qaltli Isma kif inhi?" u għidtilha Xagħrha mqaxxra minn hawn, bir-rispett kollu mara raġel imma l-bqija ma nafx iżjed" u qaltli Sue, ieqaf" kien hemm waħda li ma nixtieqx ngħid x jisimha biex ma ndaħħalhiex f hassle u qaltli Donna kienet" u għidtilha Inti kif taf?" u qaltli Tgħidli xejn għax dik jiena għamiltha magħha u nafha minn fuq s isfel u hi tagħmilhom dawn l-affarijiet tax-xjuh". Issa din Donna, minn minndu jiena sirt nafha l-ħabs, anke taf ix-xjaten, skużi, fejn jorqdu aħseb u ara l-cameras fejnhom u rnexxielha taħrab. Wara tlett ijiem daħlet il-ħabs din Donna u ġiet din l-istess waħda u qaltli Ejja ara jekk hux hi" u għidtilhom Tgħidu lil hadd imma hi kollha kemm hi, Donna Borg". Fil-ħabs kienu jghidulha Donna*

*Sciberras però mbagħad ma nafx kif inqelbet Borg u l-ħaġa hi li jiena taparsi ħabiba magħha, qed nagħmel ħabiba magħha biex jiena neħdilha minn rasha biex nara għalxiex u x-xiħa digà kienet qaltli li din kienet serqitilha l-portmoni għax hi qaltilha Jiena għandi l-ġuħ" u x'ħin ma tagħthiex ippruvat tisraqha. Bdejt nagħmel ħabiba magħha u bdew qishom jiġuni skopijiet ħalli nara jekk għandhiex tattoo, biex nara hekk u nara hekk u bdejt nitkixxef ħafna affarijiet fuqha u mid-dehra, li beda jiġri, hija veru hi biex inkun ċerta, li mbagħad spiċċajt hi kienet Ċella 10 u jiena Ċella 11, konna ħdejn xulxin, imbagħad spiċċat, Ms. Anabelle li hija l-kbira tal-ħabs, tellgħet lili Ċella 18 u hi baqghet isfel u jiena ghidt Imma ghaliex?". Qed tghid lil mingħaliha hija sħabha fil-ħabs illi hi kienet mhux jien, illi jiena qiegħda hemm għalxejn minħabba fiha u qed tiftaħar mal-ħbieb u l-ħbieb kulħadd jiġi jgħid lili. Kien hemm waħda li nista ngħidlek min hi, Claire Polidano, qed insemmihielek għax illum ġiet nieqsa, kienet hi stess li qaltli Sue, Donna qed tammetti li hi". Ġiet Donna u konna qegħdin naħdmu l-pupi flimkien u qaltli Sue, please" u għidtilha X'ġara?", qaltli Jiena naf illi int għaraftni" u għidtilha U x se jiġri għax għaraftek?", qaltli Tikxifnix please għax għandi ħafna" u għidtilha Ismgħani Donna, jiena mhux se nikxfek u mhu se ngħid xejn imma l-ħaġa hi li jiena ma nistax neħel il-ħabs ta xejn". Issa l-ħaġa hi din, li meta jiena sirt naf illi daħlet il-ħabs, il-ħabs daħlet fuq l-istess ħaġa imma fuq xiħ, li jiena ħadt ir-ruħ għax għidt ħarġet il-verità imma le, għax ħabibti qaltli Sue, imma inti xiħ jew xiħa?" u għidtilha Le, xiħa kienet", qaltli Għax fuq li daħlet Donna huwa xiħ" u għidtilha Xiħ? Mela mhux tiegħi, mela hawn se jkompli nibqa'" u qaltli Iva, xiħ bil-wheelchair kien. Tiegħek ma kinitx bil-wheelchair?" u għidtilha Le". Qaltli Fuq hekk reġgħet qiegħda hawn Donna. Kulma ilha xahrejn barra u reġgħet daħlet. M'hemmx xiħ li tħallih bi kwietu, max-xjuħ imqabbda". Issa jiena trabbejt man-nanna tiegħi u lix-xjuħ vera nħobbhom u vera mweġġgħa għaliex iġġudikawni fuq xiħa. Issa jekk hemm xi ħaġa, Sinjura Maġistrat skużani, jekk hemm xi ħaġa li jiena żbaljajt, però jiena la qatt sraqt, la qatt weġġajt lil ħadd u qatt m għamilt xejn, just kemm kont fuq sieq waħda u bdejt li jiena xi ħadd jagħtini l-għajnuna, min irid jagħtini u min ma jridx ma jagħtinix però qatt m għamilt ħsara lil ħadd u qatt ma wasalt li nweġġa jew nisraq. Jiena, jekk forsi hemm xi ħaġa illi jiena żbaljajt għidli u neħel dak kollu li jiena għamiltu però ma nixtieqx illi neħel fuq xi ħaġa illi jiena m għamilthiex.*

In kontro-eżami, fir-rigward tal-persuna li skontha aggrediet lil Josephine Moffat, l-imputata ddikjarat: *Kont naf min hi d-description tagħha kif għidt lilek però ma kontx naf x jisimha. … Ma kontx naf li jisimha Donna. Jiena għidtlek Sir, jiena naf min, waħda qisha tifel, xagħrha mqaxxra mill-ġenb, għajnejha mġebbdin u samra" u inti għidtli Taf kemm hawn nies li huma mara, lebsin ta raġel u xagħrhom imqaxxra. Kif ħa nkun naf?". Imbagħad jiena kif sirt naf illi jisimha Donna wara tlett ijiem, ċempilt lill-Ispettur Paul Camilleri u għidtlu Sir, tista tiġi waħda?", mhux jiena imma l-Maġġura Carm niftakar ċemplitlu u qalilha Jekk trid tkun taf xi ħaġa għid lill-avukat għax jiena mhux se niġi l hemm". Issa jiena ippruvajt naqbad lill-Ispettur biex ngħidlu isimha għax jiena qalli Jekk tgħidli min hi u x jisimha, nitilqek".* Mistoqsija mill-Ispettur Zammit jekk hux minnu li hija bdiet issemmi lil din il-persuna, ossia lil Donna Borg, għaliex rat ritratt tagħha fuq id-desk tiegħu, l-imputata wieġbet: *Le, anzi inti urejt il-mobile lil Leslie bir-ritratt tagħha u Leslie qallek Urihulha" u inti għidtlu Le". Għaliex m urejtulix lili u għaliex urejtu*

*lil Leslie biss?* L-imputata ċaħdet li qatt rat ir-ritratt fuq id-desk ta' l-Ispettur Zammit, qalet *le, li kieku kont ngħidlek li hija dik imma inti ma ridtx temminni. Inti bilfors ridt twaqqa  l-balla fuqi.* L-imputata insistiet li saret taf li dik il-persuna li skontha aggrediet lil Josephone Moffat hija Donna Borg minn ġol-ħabs għaliex għarfitha hi stess.

Mistoqsija x'għamel l-imputat Leslie Farrugia fil-ħin ta' l-inċident, l-imputata wieġbet: *Leslie qabad lil Donna mill-flokk u qajjimha minn fuq ix-xiħa. Li kieku Leslie ma kienx qiegħed kieku jiena ma kontx niflaħ inqajjimha lil Donna għax Donna fiha daqsi u t-triplu tiegħi. ... Donna mbagħad għaddiet minn warajja u ħarbet u lix-xiħa jiena qajjimtha u bgħattha l-Għassa. ... Donna għaddiet minn warajja però ma nafx jekk hux  l hawn, il-fuq jew l-isfel għaliex jiena kont qieħda wiċċi mal-ħajt bħalma kienet ix-xiħa, qajjimt lix-xiħa hekk minn mal-art u wiċċha ġol-ħajt lanqas taf x laqatha miskina għax hi meta qabżet fuqha, qabżet fuqha minn wara.* Mistoqsija jekk din il-persuna marritx lejn id-direzzjoni tal-Knisja, l-imputata wieġbet: *Ma nafx, jista  jkun illi marret il-fuq għax hi għaddiet minn warajja hekk jiġifieri ma nimmaġinax illi din għaddiet minn warajja hekk imbagħad kisret hekk, ma nafx. ... Naħseb għax għaddiet minn warajja hekk, ma nafx fejn marret jien. Naf li niżlitilha l-hood, għaddiet minn warajja u għaraftha. ... Għax għaddiet minn warajja, in-naħa ta  fuq għaddiet naħseb għax jiena ma kontx moħħni hemm eżatt għax kont moħħni fix-xiħa.* Rinfaċċata bil-fatt li Josephine Moffat ripetutament qalet li kienet l-imputata li ppruvat tisirqilha l-portmoni, l-imputata ddikjarat: *Miskina mhux bilfors, għandha raġun twaħħal fija għax dik lanqas taf min laqatha minn wara mbagħad kif daret rat lili, mhux ovvja li se twaħħal fija.* L-imputata kompliet tgħid illi: *Jiena hemmhekk kont bilqiegħda meta qalet li jiena u b hekk aċċettajt illi nidħol il-ħabs għax ix-xiħa miskina bilfors se twaħħal fija għax lili biss rat. B hekk imbagħad jiena aċċettajt illi mmur il-ħabs għaliex sa dak il-ħin alright, il-ħtija waqghet fuqi, imma Alla kbir, Alla jagħti r-risposta għax wara tlett ijiem kellha tidħol il-ħabs biex turini as such min hi Donna u kelli niġi hawnhekk illum nixhed quddiem il-kurċifiss x ġara u x ma ġarax. Alla huwa kbir.* Mistoqsija *ngħid sew illi l-vittma xehdet wara dawk it-tlett ijiem li inti sirt taf min hi Donna?* l-imputata wieġbet *le, ix-xiħa xehdet qabel ma jiena mort il-ħabs u b hekk jiena mort il-ħabs meta xehdet ix-xiħa.*

L-imputata kompliet tiddikjara li wara l-inċident *mort id-dar imbagħad bgħattu għalija intom biex niġi l-Għassa ta  Rahal Ġdid biex ngħidilkom l-istorja ta  x ġara u x ma ġarax. ... Le, mhux l-Għassa ta  Rahal Ġdid, inti d-Depot kellimtni. L-ewwel ħadtuni l-Għassa ta  Rahal Ġdid fejn kien hemm l-Ispettur Paul Camilleri u kien hemm nisa wkoll li għamlulna search u affarijiet lili u lil Leslie u minn hemm imbagħad ħaduna d-Depot, tefgħuli qisha camera ħdejja fejn ħsibt li qed nidher fuq l-aħbarijiet imma għamluli statement u ma bdew jemmnuni xejn u baqgħu sakemm daħħluni l-ħabs.* L-imputata ddikjarat ukoll illi l-laqam ta' Donna Borg huwa Donna s-Sewda iżda qatt ma semmiet dan il-laqam fl-istqarrija tagħha għaliex *ma kontx nafu qabel ma dħalt il-ħabs. Lanqas kont naf isimha qabel ma dħalt il-ħabs. Kollox mill-ħabs sirt naf jiena. ... għidtilkom li hija samra, boċċa, għajnejha imġebbdin, hija mara b forma ta  raġel, shorts abjad u xagħarha mqaxxar mill-ġenb u naf li hija xagħarha mqaxxra mill-ġenb għax meta qabadha Leslie waqgħatilha l-hood.* Mistoqsija dwar il-fatt li waqt l-istqarrija tagħha hija bdiet tirreferi għall-persuna li

skontha aggrediet lil Josephine Moffat bħala Is-Sewda, l-imputata wieġbet *għax hija sewda, għandha l-ġilda tagħha sewda, samra. Għidtilkom sewda, b għajnejha mġebbdin, xagħarha mqaxxra u mara qisha raġel u nzerta li l-laqam tagħha vera jgħidulha  Is-Sewda" imma għaliex hija samra u harġitli sewda dak il-ħin.*

Murija d-dokumenti Dok. "JS1" u Dok. "JS2" - li huma l-istills li ħareġ l-Espert Tekniku John Sacco mill-filmati ta' CCTV Cameras ta' diversi fondi fl-akkwati ta' fejn seħħ l-inċident, l-imputata għarfet lilha nnifisha u lill-imputat Leslie Farrugia x'ħin kienu faċċata ta' fejn seħħ l-inċident mertu tal-proċeduri, u dana dakinhar u fil-ħin ta' l-inċident. Hija tenniet illi *jiena u Leslie konna mingħajr job u minflok konna nagħmlu affarijiet hżiena, konna mmorru nitolbu l-għajnuna u mhux lix-xiħa biss tlabniha imma lil ħafna nies u min kien jagħtina u min ma kienx jagħtina imma just  Thank you u ciao", daqshekk.*

L-imputat **Leslie Farrugia**[70] xehed illi: *jien u Susanne Camilleri, ma kellniex xogħol u ma kellna xejn u ddeċidejna li noħorġu nagħmlu xi ħaġa għaliex kellna problema kbira tad-droga, jiena l-iktar għax it-tfajla mhux daqshekk u ddeċidejna li noħorġu biex ngħidu lin-nies biex jgħinuna. Ġurnata fost l-oħrajn konna għaddejjin minn ħdejn il-bank tal-Fgura, waqqafna persuna ... l-HSBC mingħalija. Waqqafna persuna, waqqfitha t-tfajla, qaltilha biex forsi tkun tista  tgħinha biex naqbdu tal-linja u din qaltilna  Le". Qbadna mexjin lejn il-Mister Fish lejn Bormla n-naħa tagħna u faċċata kif qasmet ix-xiħa, nisimgħu l-għajjat. ... Rajniha miexja fit-triq u waqqafniha u qaltilna  Le" u bqajna sejrin normali lejn id-dar. Kif qasmet faċċata, it-tfajla ndunat illi ġiet waħda minn quddiemha. ... l-istess xiħa, qasmet faċċata u kien hemm tfajla naqra fiha tifla b xagħrha mqaxxar bi flokk hoodie attakkatha u t-tfajla tiegħi qasmet tiġri.* Leslie Farrugia qal li din il-persuna li ra ppruvat tisraq il-portmoni tal-mara anzjana, *qabditilha l-portmoni, bdiet tissara magħha u t-tfajla tiegħi kif rat hekk, Susanne Camilleri, marret biex taqsam tiġri biex tgħin lix-xiħa. ... mill-bank għax aħna konna neżlin l-isfel u kif wasalna quddiem il-bank eżatt, bdejna nisimgħu l-għajjat u aħna ħsibna mit-tifla tagħha jew xi argument u ndunat li t-tfajla qed tisraqha. Kif indunat b dawn l-affarijiet, it-tfajla qasmet tiġri u ħadet lix-xiħa u waqgħu mal-art. ... Jiena mort warajha. ... Wara t-tfajla. ... It-tfajla żammet lix-xiħa u jiena żammejt lil ...għax huma waqgħu mal-art. ... Donna u x-xiħa, bdiet tipprova tisraqha. ... Donna Sciberras. ... Wara li nqala  dan kollu waqgħu t-tnejn mal-art u kif waqgħu mal-art, it-tfajla ġabret lix-xiħa u jiena żammejt lil Donna, pruvajt inżommha. ... Żammejtha billi tfajt idejja fuqha u kien hemm anzjan ieħor imma llum-il ġurnata ma nstabx għaliex beda jara kollox, kien fuq bank. Bdejt inżommha u kif it-tfajla qajmet lix-xiħa minn mal-art, għidnielha  Imxi ħa mmorru l-Għassa biex iġġib il-Pulizija" u kellha girfa f idejha hawnhekk. ... bdejna ngħidulha biex immorru l-Għassa flimkien biex ngħidulhom għaliex kellha d-demm u ppruvat tisraqha u x-xiħa qaltilna  Le, ma rridx nagħmel hekk". Sadanittant jien sakemm qed inżomm lil Donna, bl-argumenti, jiena kont iktar moħħni fix-xiħa milli fl-oħra, ħallejtha u telqet tiġri lejn l-Ghassa. ... Donna. Mhux in-naħa tal-Għassa imma n-naħa l-oħra u l-iktar li ma bdejtx ninkwieta, peress li jiena kelli naqra kondotta ħażina u hekk, l-affarijiet bdew anke kien hemm wieħed bdejna nfittxuh, ma stajniex insibuh, qalli  Jekk jinqala  xi ħaġa l-quddiem*

[70] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Awwissu 2021, fol. 420 sa' 427 tal-proċess.

*nitla nixhidlek jiena li rajna kollox" għax ikun bilqiegħda mill-erbgħa sal-ħamsa hemmhekk, kien bilqiegħda u ra x-xena issir. ... Għax qalli hu għax jiena ssuspettajt peress illi għandi naqra kondotta ħażina, il-problema tad-droga li kont għaddej minnha u affarijiet u għidtlu, għidtlu Qed nibża'" u qalli Tħabbilx rasek għax hawn il-ħanut tal-vażuni u hawn il-cameras" u l-camera ma kinitx taħdem. Sadanittant, it-tfajla bdiet tkellem lix-xiħa, bdiet tgħidilha Imxi ħa mmorru l-Għassa u neħduk il-clinic" u hi ma riedet b xejn, daret fuqi u qaltli It-tfajla tiegħek pruvat tisraqni" u ħarset lejja u qaltli Inti ġejt biex tgħini". Jiena għidtilha Dik it-tfajla tiegħi ta , aħna l-istess ħaġa" u qaltli Għax intom waqqaftuni biex titolbuni l-flus". Jiena għidtilha Imma inti kont in-naħa l-oħra", għidtilha Veru li waqqafniek biex tgħinna imma aħna ġejna biex ngħinuk" ghax wara li qasmet minn faċċata, attakkawha. Bdejna nħeġġuha biex tmur l-Għassa imma ma riditx u ħmistax wara ġew b mandat t arrest id-dar iħabbtulna biex jarrestawna. ... Wara ħaduna l-Għassa ta Raħal Ġdid u żammewna l-lock up u kont għadni ma kontx naf fuq xiex. Jiena għidt forsi jrid ikellimna fuq xi ħaġa oħra, tellagħna fuq u qed jgħidli fuq serqa u jiena għidtlu Fuq serqa?" u hu qalli li l-Fgura kienet u kif qalli l-Fgura għidtlu Dik naf" u qalli Missek ġejt tirrapporta dakinhar" u bdejna niftehmu. ... L-Ispettur beda jgħidli u bdejt nitkellem miegħu li missek ġejt magħha, max-xiħa jiġifieri dakinhar. Jiena għidtlu Ma stajtx għaliex ix-xiħa ma riedet tagħmel xejn dakinhar". Għidtlu li ridt neħodha l-clinic mat-tfajla, għidtlu li ridt neħodha l-Għassa biex tagħmel ir-rapport għax dakinhar sakemm laħqet hi telqet tiġri, stajna naraw minn x imkien imma cameras iċċekkjajna u ma dehret minn imkien. Aħna kulma għandna hija l-camera tal-Fgura naqsmu għaliha.*

Fir-rigward tal-persuna li skontu ppruvat tisraq lil Josephine Moffat, l-imputat iddikjara: *dik meta kont għadni zghir kont nafha, kienet tifla differenti milli kienet illum meta rajtha għaliex issa ġiet ħoxna, bla xagħar u bla snien. Issa meta żammejtha jien, hi daret lejja u qaltli Aw Leslie" allura jiena għaraftha. Hi għarfitni, jiena m għarafthiex u kif inqala l-argument jiena tlaqtha.* L-imputat kompla jgħid li in segwitu hu u l-imputata Susanne Camilleri ġew arrestati u ttieħdu il-lock up: *il-lock up għamlulna statement fuq CD, għidnielu l-verżjoni kif kienet u hekk u ressaqna l-Qorti b urġenza u tefagħna l-ħabs. Mill-ħabs mis-6, qed ngħid lill-priġunieri għaliex tefgħani fiċ-Ċella t isfel mhux b bieb magħluq, qegħdin nitkellmu u kien hemm sħabi u qed ngħidilhom il-każ x ġara u fuq xiex u għidtlu li pruvajt nagħmel xi ħaġa ta ġid u minflok swietli deni. Għidtlu li mhux proprja jien għaliex jien ix-xiħa qaltli li mhux minni imma t-tfajla tiegħi ma tagħmilx dawn l-affarijiet, aħna għamilna hekk biex noħorġu ħalli jgħinuna n-nies biex ma nagħmlux affarijiet biex nisirqu mhux biex nisirqu lix-xjuħ. Qed nitkellmu u qed nispjegalu, kien hemm priġunier partikolari, spjegajtlu kif inhi u qalli Donna Sciberras", bgħatt għall-Ispettur biex ngħidlu u hekk u wara xi ftit żmien daħlet mat-tfajla l-ħabs u ammettiet magħha jiġifieri li hi l-każ u bdiet tgħidilha. ... Għax aħna kien ikollna t-telefon mill-ħabs dirett mat-tfajla u ġieli nagħmlu l-visti, darba f ġimgħa konna nagħmlu vista. ... jiena sirt naf l-ewwel. Sirt naf l-ewwel jien meta bdejna nitkellmu minn Ċella ghal Ċella u qaluli li Donna Sciberras għax kif bdejt nispjegahielhom. ... Wara li ċempiltilha mis-6 għax kien ikollna telefonata kuljum għal 10 minuti, għidt lit-tfajla, bdejt nispjegalha li hi Donna Sciberras u hekk u wara ftit żmien għamlet kaz, reat, li jiena ma nidħolx fih, f Birżebbuġa u daħlet il-ħabs u t-tfajla għarfitha. Għarfitha għaliex meta kont nafha qabel jien kienet bit-tpenġija, bl-armi u bdejt*

*ngħidilha u gharfitha mill-ewwel u fetħet qalbha mat-tfajla u qaltilha Tikxifnix għax għandi ħafna problemi", qaltli li għandha ħafna każi u qabzet it-tfajla u qaltilha Imma aħna m għandniex tort, aħna qegħdin il-ħabs għalxejn, ħadna ħsieb dik, pruvajna nagħmlu xi ħaġa għall-ġid u swietna deni" u bqajna hekk. L-Ispettur imbagħad meta bdejt nibgħat għalih ma riedx jiġi l-ħabs, għidtlu biex nipprova nfehmu kif sirt naf min hi u hekk biex ngħidlu iktar il-quddiem x ġara u ma ġiex, ma kellix kuntatt miegħu.*

In kontro-eżami l-imputat, għall-mistoqsija *Leslie, inti kkonfermajtilna fix-xhieda tiegħek illi kont qiegħed hemmhekk qed tittallab u kkonfermajt ukoll illi staqsejt lis-sinjura l-vittma Moffat li ttallabtu mingħandha wkoll u hi rrifjutat li tagħtikom l-għajnuna. Semmejt ukoll illi intom ħadtu d-direzzjoni lejn Mister Fish. Issa, Mister Fish, inti taf fejn qiegħed? Minn fejn ġara l-każ għal Mister Fish forsi hemm 50 metru. … Issa jiena nixtieq inkun naf u forsi tispjega naqra lill-Qorti kif jista jkun direzzjoni lejn Mister Fish u taf x kien qed jiġri warajk?* l-imputat wieġeb *le, aħna konna sejrin lejn id-dar għaddejjin minn fejn Mister Fish neżlin lura lejn id-dar u kif wasalna quddiem il-bieb tal-bank eżatt, smajna l-għajjat u t-tfajla qasmitli tiġri. Aħna konna sejrin lejn id-dar. … Għaddejna wara li għadda kollox u wara li qlajnihom u ħarbet Donna u dawn l-affarijiet, iva għaddejna minn hemmhekk u nżilna l-isfel. … Mhux qabel, konna sejrin l-isfel.* Mistoqsi *lil din Donna jew lil din il-mara li qed tirreferi għaliha bħala Donna li din by the way ma dehret imkien imma dik ħaġa oħra, tista tgħidli jew tispjega lill-Qorti, jekk din kienet l-unika prova tiegħek biex tiskaġonak jiġifieri biex inti ma jressqukx il-Pulizija, għalfejn ħallejtha titlaq?* Leslie Farrugia wieġeb *hi lix-xiħa riedet għax jiena żammejtha għal ftit ħin. … Eżatt imma meta jiena staqsejt lix-xiħa u għidtilha Trid immorru l-Għassa u neħduk il-clinic?" hi qaltli Le" u telqet, ħallejtha għax imbagħad iktar kien moħħni fix-xiħa milli fiha. Kellha d-demm f idha.*

**Imputazzjoni dedotta kontra l-imputati Leslie Farrugia u Susanne Camilleri:**

Mill-provi prodotti jirriżulta nkontestat bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża li nhar il-11 ta' Settembru 2019 għall-ħabta ta' l-4:15p.m., ġewwa Hompesch Road, il-Fgura, Josephine Moffat sfat vittma ta' attentat ta' serqa. In effetti l-imputati stess jirrikonoxxu dan il-fatt iżda jikkontendu li ma kienux huma li wettqu dan ir-reat fil-konfront ta' Josephine Moffat iżda kienet persuna oħra, minnhom indikata bħala Donna Sciberras, illum Borg. Fil-fatt il-punt ċentrali ta' dawn il-proċeduri jirrivolvi madwar l-identifikazzjoni tal-persuna/persuni li wettqu dan ir-reat a dannu ta' Josephine Moffat.

Il-Qorti tibda billi tosserva li Josephine Moffat kienet ferm ċara fix-xhieda tagħha u fir-rakkont ta' dak li ġralha dakinhar tal-11 ta' Settembru 2019 u kienet ferm ċara ukoll fl-identifikazzjoni tal-persuni li wettqu dan ir-reat kontriha, ossia fl-identifikazzjoni ta' l-imputat Leslie Farrugia u ta' l-imputata Susanne Camilleri. Ta' min jgħid li Josephine Moffat sa' mill-bidu nett indikat lill-imputat Leslie Farrugia bħala wieħed miż-żewġ persuni involuti f'dan ir-reat. Indikatu b'mod ċar kemm għal

dak li jirrigwarda l-ilbies tiegħu dakinhar, kien liebes flokk aħdar piżella[71], kif ukoll fir-rigward tal-fattizzi fiżiċi tiegħu[72], tant illi meta l-Pulizija li kienu qed jinvestigaw il-każ urewha numru ta' ritratti ta' persuni masikili hija indikat lill-imputat Leslie Farrugia - Dok. "PC1" a fol. 28 u 29 tal-proċess. Apparte minn hekk, fil-kors tax-xhieda tagħha waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru 2019[73], Josephine Moffat bla ebda eżitazzjoni ta' xejn għarfet lill-imputat.

In kwantu rigwarda l-identifikazzjoni tal-persuna l-oħra involuta f'dan il-każ, Josephine Moffat saħqet li din kienet il-mara li flimkien ma' raġel, minnha identifikat bħala l-imputat Leslie Farrugia, kienu għadhom kemm waqfuha ħdejn il-ATM tal-Bank HSBC jittalbu għall-flus. In effetti fix-xhieda tagħha qalet: *Jiena ħriġt, qsamt, dħalt il-bank, kien hemm waħda qabli u spiċċat, dħalt jiena, u meta dħalt jiena u kif kont ser naqsam biex immur għat-triq tiegħi waqqafni raġel li kellu female miegħu u qalli, tgħina naqra għax waqfitilna l-karozza hawn fuq." Jiena ħarist il fuq u ma rajt l-ebda karozza għax dik triq wiesa' u twila jiġifieri karozza taraha u ndunajt u għedt din xi ħaġa mhux postha, għax tieqaflek il-karozza tmur fejn il-bank u l-karozza ma tidhirx jiġifieri altru rrid inkun bela u ma nafx x naqbad ngħid biex nemmen oġġett hekk. Imbagħad dort u qalli, fejn togħqod?" Ma rrispondejtux, dort u qsamt it-triq ħalli mmur għad-dar. Kif nitla l-bankina eżatt ta fejn hemm il-ħanut tat-toys, inħoss daqqa ġo dahri hekk u ma qaddi u din ser taħtaf il-portmoni u kif dort hekk għaraftha mill-ewwel għedt dik li kienet ma dak. ... Għaraftha li kienet l-istess waħda li kienet qiegħda ma dak li lili talabni biex ngħinhom għax waqfitilhom il-karozza, jiġifieri hi kienet għax għaraftha ċar għax meta dak li jkun jieqaf ikellmek, tħares lejh jiġifieri.*

Din il-premessa, ossia li l-persuna li ppruvat tisirqilha l-portmoni kienet il-persuna femminili li kienet ma' l-imputat Leslie Farrugia, ġiet mill-ewwel mistqarra minn Josephine Moffat fid-dikjarazzjoni bil-miktub li hija għamlet hekk kif irritornat lura d-dar wara l-inċident - Dok. "PC2a" a fol. 31 tal-proċess.

Mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rriżulta li dakinhar tal-11 ta' Settembru 2019 fil-ħin ta' l-inċident, l-imputat Leslie Farrugia kien akkumpanjat minn Susanne Camilleri u minn Susanne Camilleri biss. Jirriżulta wkoll li kienu huma u huma biss li kienu qed jittalbu għall-flus mingħand in-nies li kienu qed jagħmlu użu mill-ATMs kemm tal-Bank of Valletta kif ukoll ta' l-HSBC li jinsabu f'Hompesch Road, il-Fgura[74]. Dak li rriżulta mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija ġie kkonfermat mill-Espert Tekniku John Sacco illi wara li analizza l-filmati tal-camera ta' Transport Malta f'Hompesch Road, Fgura, tal-BOV f'Hompesch Road, Fgura u ta' l-Izibet f'Hompesch Road, Fgura, ħareġ diversi stills u mill-istills markati Dok. "JS1" u Dok. "JS2" jidhru raġel liebes flokk aħdar bil-kmiem qosra u qalziet skur u mara liebsa flokk ċar u qalziet skur. L-Espert Tekniku kkonkluda li *r-raġel u l-mara illi jirreferi għalihom l-esponent f'Dok. JS2* (fol. 264 sa' 266 tal-proċess) *huma simili għar-raġel u l-mara*

[71] Vide xhieda ta' PC195 Melvin Calleja mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta 'Ottubru 2019, fol. 66 u 67 tal-proċess.
[72] Vide xhieda ta' l-Ispettur Paul Camilleri mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru 2019, fol. 25 sa' 37 tal-proċess.
[73] Fol. 52 sa' 58 tal-proċess.
[74] Vide xhieda ta' l-Ispetturi Paul Camilleri u Lydon Zammit u ta' PC1087 Roderick Degiorgio mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru 2019, fol. 25 sa' 27 tal-proċess, fol. 34 sa' 39, fol. 57 u 58 tal-proċess u Dok. "RD1" sa' Dok. "RD7" a fol. 59 sa' 65 tal-proċess.

*illi jindika f'Dok. JS3* (fol. 267 tal-proċess) *jew l-huma l-istess mara u raġel.* Li l-mara u r-raġel li jidhru fuq l-istills maħruġa mill-Espert Tekniku huma l-imputati Leslie Farrugia u Susanne Camilleri huwa piuttost evidenti iżda iktar minn hekk, l-imputata murija l-istills maħruġa mill-Espert Tekniku bla tlaqliq ta' xejn għarfet lilha nfisha u lill-imputat Leslie Farrugia bħala l-mara u r-raġel li jidhru fihom[75].

Kif ingħad l-imputati jisħqu li għalkemm huma kienu preżenti dakinhar ta' l-attentat ta' serqa fuq Josephine Moffat, huma ma wettqux dan ir-reat fuqha iżda kienet persuna oħra li wettqet tali reati, senjatament skonthom ċerta Donna Sciberras, illum Borg, u l-involviment tagħhom kien biss biex jgħinu lill-mara meta din sfat aggredita. Huma jittentaw jagħtu piż lil din l-allegazzjoni tagħhom billi jisħqu li meta Josephine Moffat għamlet ir-rapport mal-Pulizija hija tat is-segwenti indikazzjoni - *illum 11.09.2019 għall-ħabta ta' l-16:30hrs ġiet Josephine Moffat fejn stqarret li kienet għadha kif ġiet aggredita. Moffat stqarret li għall-ħabta ta' l-16:15hrs waqt li marret tiġbed mill-ATM ta' l-HSBC li tinsab fi Triq is-Sur il-Fgura u lestiet kien hemm raġel bi flokk aħdar akkumpanjat ma' tfajla li kienet liebsa flokk bil-blu b'xi tattoo ma' saqajha kif ukoll ma' idha fejn staqsiha biex tagħtih xi ħaġa għaliex waqfitlu l-karozza iżda hi qaltlu li nesiet il-card id-dar u li kienet sejra għaliha*[76]. L-imputati jikkontendu li l-imputata Susanne Camilleri ma għandhiex tattoos u għalhekk l-unika persuna li setgħet aggrediet lil Josephine Moffat kienet Donna Sciberras, illum Borg.

Il-Prosekuzzjoni da parte tagħha xxejjen din l-allegazzjoni ta' l-imputati a bażi tal-fatt li mill-filmati kollha li ġew minnha eżaminati din Donna Sciberras, illum Borg ma tidher fl-ebda ħin. Bħala fatt anke wara li dawn il-filmati ġew eżaminati mill-Espert Tekniku John Sacco, liema filmati jkopru medda ta' ħin ta' siegħa qabel l-inċident u nofs siegħa wara l-inċident, ma ħareġ l-ebda still li fih tidher din Donna Sciberras u/jew li Donna Sciberras kienet fl-akkwati dakinhar. Fattur ieħor li l-Prosekuzzjoni tqis bħala rilevanti biex tiġi mxejna din l-allegazzjoni ta' l-imputati huwa l-inkonsistenzi vejn il-verżjonijiet mogħtija mill-imputati fl-istqarrijiet tagħhom. Bħala fatt minn konsiderazzjoni kemm ta' l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputati kif ukoll minn konsiderazzjoni tax-xhieda ta' l-imputati kif mogħtija f'dawn il-proċeduri, il-Qorti ma hijiex affattu konvinta li l-persuna li aggrediet lil Josephine Moffat u ppruvat tisrqaha kienet persuna oħra u mhux l-imputata Susanne Camilleri.

Il-verżjonijiet u x-xhieda mogħtija mill-imputati Susanne Camilleri u Leslie Farrugia ma humiex affattu kredibbli in kwantu fihom diversi inkonsistenzi bejn dak minnhom dikjarat u l-fatti li jirriżultaw mill-atti proċesswali.

Jibda biex jiġi osservat li l-imputata Susanne Camilleri qalet illi *kif wasalna eżatt fejn il-lights, fil-faċċata nara tifla forma ta' raġel bis-shorts abjad, flokk bil-hood u qed tiġġieled ma' mara. Issa jiena ma tantx nara mill-bogħod u ma rrealizzajtx li dik l-istess anzjana li qed tiġġieled ma dak it-tifla hija l-istess anzjana illi jien kellimt u kif rajthom qegħdin jiġġieldu….* Din l-affermazzjoni ta' l-imputata fiha kontradizzjoni notevoli li serjament timpinġi fuq il-kredibilità ta' dak minnha allegat. L-imputata fil-fatt tgħid li ma tantx tara mill-bogħod tant illi ma rrealizzatx li l-mara

---

[75] Kontro-eżami ta' l-imputata waqt is-seduta tas-27 ta' Lulju 2021, fol. 409 sa' 417 tal-proċess.
[76] Dok. "LY1" a fol. 40 sa' 42 tal-proċess.

li kienet qed tiġi aggredita kienet l-istess anzjana li kienu għadhom kemm waqqfu biex jittallbu għall-flus iżda fl-istess nifs tat deskrizzjoni piuttost dettaljata ta' l-allegat aggressur ossia *tifla forma ta raġel bis-shorts abjad, flokk bil-hood.*

L-imputata tikkontendi li kif qasmet it-triq biex tmur tgħin lil Josephine Moffat, l-imputat Leslie Farrugia qasam warajha u *kif Leslie qabad lil dik li kienet fuqha, din telqet tiġri, issa jekk hux il-fuq, l hemm jew l hawn, jiena ma nafx għax dak il-ħin kien moħħi illi jiena nerfa lix-xiħa minn wara hekk, miskina wiċċha ġol-kantuniera ġol-ħajt.* Fl-istess nifs tgħid *kif daret qaltli Għalfejn għamiltli hekk?" u jiena għidtilha Nann, mhux jien", qaltli Iva, inti kellimtni" u għidtilha Iva, jiena kellimtek imma li qabżet fuqek mhux jien". Qaltli Mhux int?" u jiena għidtilha Le, jiena kont faċċata rajt kollox u ġejt ngħinek biex tqum minn mal-art". Għidtilha X għamlitlek?" u qaltli Pruvat teħodli l-portmoni" u jiena staqsejtha fejn qiegħed il-portmoni u hi qaltli Qiegħed hawn". Kif qaltli li qiegħed hawn rajtilha l-grif hawnhekk u jiena għidtilha Nann, ismgħani, il-portmoni l-aqwa li qiegħed għandek, ma leħqitx serqitek għax ilħaqna qbiżna għalik aħna" u qabeż Leslie minn faċċata u qalilha Nann, aħna ġejna biex ngħinuk".* Huwa evidenti li fl-istess nifs l-imputata tgħid li l-imputat Leslie Farrugia kien qiegħed ħdejha jwaqqaf lill-persuna li skonthom aggredit lil Josephine Moffat **u** li l-imputat għajjat minn faċċata, li jfisser għalhekk li ma kienx ħdejhom.

Jiġi osservat li fix-xhieda tiegħu l-imputat Leslie Farrugia ddikjara li *ġurnata fost l-oħrajn konna għaddejjin minn ħdejn il-bank tal-Fgura, waqqafna persuna ... l-HSBC mingħalija. Waqqafna persuna, waqqfitha t-tfajla, qaltilha biex forsi tkun tista tgħinha biex naqbdu tal-linja u din qaltilna Le". Qbadna mexjin lejn il-Mister Fish lejn Bormla n-naħa tagħna u faċċata kif qasmet ix-xiħa, nisimgħu l-għajjat. ... Rajniha miexja fit-triq u waqqafniha u qaltilna Le" u bqajna sejrin normali lejn id-dar. Kif qasmet faċċata, it-tfajla ndunat illi ġiet waħda minn quddiemha.* Din id-dikjarazzjoni fiha żewġ inkonsistenti kbar. Fl-ewwel lok l-imputat Leslie Farrugia qed jgħid li hu u l-imputata Susanne Camilleri waqqfu lil Josephine Moffat biex jitolbuha l-flus għal tal-linja izda kemm l-imputata Susanne Camilleri kif ukoll l-istess Josephine Moffat jiddikjaraw li Leslie Farrugia u Susanne Camilleri waqqfu lil Moffat biex jitolbuha flus għaliex waqfitilhom il-karozza. Fit-tieni lok għalkemm l-imputat jgħid li Josephine Moffat ġiet aggredita minn quddiem, l-istess Moffat iddikjarat li hekk kif kienet se titla' l-bankina wara li qasmet it-triq, hija ġiet imbuttata minn wara u ħasset lil xi ħadd qed jipprova joħdilha l-portmoni u kif reġgħet sabet il-bilanċ u daret sabet lill-imputata Susanne Camilleri ma wiċċha u bdiet tissara magħha għall-portmoni biex ma teħodulhiex.

Diskrepanza oħra li tirriżulta fir-rigward tal-verżjoni ta' l-imputati huwa l-mod kif l-allegat aggressur telqet minn fuq il-post. Filwaqt li l-imputata Susanne Camilleri qalet *kif Leslie qabad lil dik li kienet fuqha, din telqet tiġri*, l-imputat Leslie Farrugia qal li huwa qabad lil din Donna Sciberras u kien qed iżommha sakemm kien qed jgħid lil Josephine Moffat biex tmur l-Għassa ħalli tagħmel ir-rapport. Kien biss wara ftit li dam jipprova jikkonvinċi lil Moffat biex tagħmel rapport li allegatament din Donna Sciberras sabitu aljenat u ħarbet. Dawn il-verżjonijiet a loro volta lanqas jaqblu ma' dak affermat mill-imputat Leslie Farrugia fl-istqarrija tiegħu. In effetti fl-istqarrija tiegħu l-imputat Leslie Farrugia qal li telaq lil din l-allegat aggressur għaliex inħaraq

li Josephine Moffat kienet qed twaħħal fih u la l-istess Josephine Moffat qaltlu biex jitlaqa' hu telaqha - *kif qaltli hi, li qisha qed twaħħal fija li qiegħed magħha wkoll. Għax inħarqt hu. Mela minfuq li ġejt ngħinek ħa twaħħad fija wkoll? U li kieku naħseb li kont qed indaħħal f'din il-biċċa xogħol. … la qaltli hi itlaqa' jien tlaqta. Għax jien inħraqt imbagħad kif, meta ġejt ngħinek u se tweħħel fija li qiegħed magħha? Dan kollu għax tlabtha two (2) euro?*[77]. In verità dak affermat mill-imputat Leslie Farrugia lanqas jagħmel sens stante li la hu deherlu li ma kienx ġust li qed jeħel ta' xi ħaġa li ma għamilx, l-aħħar ħaġa li kellha tgħaddilu minn moħħu kienet li jitlaq lil min suppost wettaq ir-reat li tiegħu skontu kien qed jiġi nġustament akkużat.

Diskrepanza oħra ta' portata notevoli li timpinġi fuq il-veraċità ta' dak affermat mill-imputati hija d-deskrizzjoni tat-terza persuna allegatament responsabbli tar-reat in kwistjoni, partikolarment id-deskrizzjoni ta' dak li kienet liebsa, mogħtija minnhom fl-istqarrijiet tagħhom fejn f'tali deskrizzjoni ma qablux bejniethom u addirittura l-imputata Susanne Camilleri biddlet il-verżjoni tagħha bejn dak minnha affermat fl-istqarrija tagħha u dak minnha affermat fix-xhieda li tat quddiem il-Qqorti.

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat Leslie Farrugia ddikjara li l-persuna li allegatament wettqet l-attentat ta' serq fuq Josephine Moffat kienet liebsa *flok griż tax-xitwa bil-hoodie*[78]. L-imputata Susanne Camilleri tat deskrizzjoni kemm xejn differenti ta' dak li kienet liebsa din il-persuna. Hija ddikjarat li kienet liebsa shorts u flok jew bil-kmiem sa' fuq il-minkeb jew biċ-ċingi, u dana bi stil ta' raġel[79]. Kien biss meta xehdet f'dawn il-proċeduri li l-imputata Susanne Camilleri bdiet taqbel ma' l-imputat fid-deskrizzjoni ta' l-ilbies ta' din il-persuna.

Fattur ieħor ta' riljiev u li wkoll jpoġġi fid-dubju l-veraċità ta' dak allegat mill-imputati huwa l-konfużjoni non che taħwid da parte tagħhom, partikolarment da parte ta' l-imputat Leslie Farrugia, dwar jekk kienux jafu o meno lill-persuna li allegatament wettqet l-attentat ta' serq a dannu ta' Josephine Moffat. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat Leslie Farrugia ġġustifika l-fatt li seta' jagħti ċerta dettalji dwar din il-persuna għaliex jafha iżda imbagħad meta ppressat mill-Pulizija dwar dan il-fatt wieġeb *nafha dak il-ħin u hi tafni u jien ma nafhiex għax lil semmietni b'ismi. Kif daret u ħarset lejn wiċċi qaltli "Leslie", hi tafni. Jien ma nafhiex. Imbagħad minn hemm hekk 'l hemm bdejt insaqsi , bqajt nitla' l-Fgura u hekk u bdejt nisma ħafna kummiedji fuqha*[80]. Meta xehed fil-kors ta' dawn il-proċeduri l-imputat Leslie Farrugia ddikjara *issa meta żammejtha jien, hi daret lejja u qaltli  Aw Leslie" allura jiena għaraftha. Hi għarfitni, jiena m għarafthiex u kif inqala  l-argument jiena tlaqtha*[81]. Din l-inkonsistenza ta' l-imputat fejn l-istess nifs jgħid mod imbagħad jigħid mod ieħor, bl-ebda mod ma tgħin il-posizzjoni tiegħu partikolarment fejn jirrigwarda l-veraċità ta' dak minnu allegat.

Inkosistenza oħra bejn dak allegat mill-imputati u dak li rriżulta mill-atti huwa l-fatt fejn l-imputat Leslie Farrugia fl-istqarrija tiegħu ddikjara li meta qasam it-triq biex

[77] Traskrizzjoni ta' l-istqarrija ta' l-imputat Leslie Farrugia, fol. 111 tal-proċess.
[78] Traskrizzjoni ta' l-istqarrija ta' l-imputat Leslie Farrugia, fol. 119 tal-proċess.
[79] Traskrizzjoni ta' l-istqarrija ta' l-imputata Susanne Camilleri, fol. 157 tal-proċess.
[80] Traskrizzjoni ta' l-istqarrija ta' l-imputat Leslie Farrugia, fol. 113 tal-proċess.
[81] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Awwissu 2021, fol. 420 sa' 427 tal-proċess.

iwaqqaf is-serqa huwa ħa l-portmoni ta' Josephine Moffat minn idejn din Donna Sciberras u taħ lura lill-istess Moffat, iżda mill-atti, partikolarment mix-xhieda ta' l-istess Josephine Moffat, irriżulta li l-portmoni qatt ma ttieħed minn idejha għaliex hija baqgħet tissielet u min kien qed jipprova jisraqha ma rnexxilhiex teħodulha. Apparte minn hekk l-imputati entrambe jisħqu li Josephine Moffat ma reditx la tmur l-Għassa tal-Pulizija biex tirrapporta l-attentat ta' serqa u lanqas l-polyclinic biex jaraha minħabba l-ġrieħi li kellha. Madanakollu però mill-atti proċesswali jirriżulta li Josephine Moffat, li ġiet aggredita nhar il-11 ta' Settebmru 2019 għall-ħabta ta' l-4:15p.m., għamlet rapport l-Għassa dakinhar stess għall-ħabta ta' l-4:30p.m.[82] u marret il-polyclinic u ġiet eżaminata fil-5:00p.m.[83]

Hemm inkonsistenzi u nuqqas serju anke bil-mod kif l-imputati allegatament saru jafu min hi din l-allegata agressur ta' Josephine Moffat. L-imputata Susanne Camilleri tgħid li hija skopriet minn kienet din il-persuna minn ġewwa l-ħabs għaliex qalulha xi priġunieri nisa oħra, liema priġunerija nisa però ma tressqux bħala xhieda biex jikkoroboraw dak allegat minnha - waħda għaliex ma tridx tikxifha, tant illi lanqas qalet min hi, u l-oħra għad illi qalet isimha, ġiet nieqsa u għalhekk ma setgħetx tixhed. Min-naħa l-oħra l-imputat Leslie Farrugia jgħid li kien hu li skopra min hi din il-persuna għaliex qallu biha priġunier ieħor ġewwa l-ħabs u hekk kif sar jaf huwa mill-ewwel avża lill-imputata Susanne Camilleri - fatt dan li però għal raġuni ferm stramba l-imputata Susanne Camilleri ma semmiet bl-ebda mod.

L-imputata Susanne Camilleri saħqet ukoll illi hija rnexxielha tirrisali għall-identifikazzjoni ta' l-aggressur ta' Josephine Moffat wara li din l-istess Moffat xehdet għaliex kien f'dak iż-żmien li hija ddaħħlet il-ħabs. Dana però ma huwiex assolutament minnu. L-imputata Susanne Camilleri, flimkien ma' l-imputat Leslie Farrugia, ġew arrestati fl-24 ta' Settembru 2019 in forza ta' Mandat ta' Arrest maħruġ kontra tagħhom u tressqu taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja fil-25 ta' Settembru 2019. Dakinhar saret talba għall-ħeslien mill-arrest tagħhom iżda din ġiet miċħuda. B'hekk l-imputati kienu ilhom taħt arrest ġewwa l-ħabs sa' mill-25 ta' Settembru 2019 filwaqt li Josephine Moffat xehdet fis-seduta tas-7 ta' Settembru 2019, ossia diversi ġranet wara li l-imputati iddaħħlu l-ħabs.

Fattur ieħor li jimpinġi fuq il-kredibilità ta' dak affermat mill-imputata Susanne Farrugia huwa r-rakkont tagħha ta' kif hi u l-imputat Leslie Farrugia ġew arrestati. L-imputata Susanne Farrugia tikkontendi li hija rċeviet telefonata biex tattendi l-Għassa tal-Pulizija u minn hemm hija ġiet arrestata. Din il-verżjoni ma taqbilx ma' dak affermat mill-imputat Leslie Farrugia li ddikjara li huma ġew arrestati b'saħħa ta' Mandat ta' Arrest. Bħala fatt, hekk kif jirriżulta mix-xhieda ta' PS965 Maverick Camilleri l-imputati ġew arrestati permezz ta' Mandat ta' Arrest u għall-ewwel ippruvaw jevitaw l-arrest tagħhom b'Susanne Camilleri għall-ewwel tgħid li Leslie Farrugia ma kienx qiegħed fir-residenza tagħhom, tallega li ma kellhiex ċavetta biex tidħol iżda kif waslu ħdejn il-bieb tar-residenza hija daħlet ġewwa tiġri u sakkret lill-Pulizija barra, li in segwitu daħlu biss wara li avżaha li setgħu jużaw il-forza biex jidħlu u hekk kif daħlu sabu lil Leslie Farrugia hemm ġew.

[82] Dok. "LZ1" a fol. 40 sa' 42 tal-proċess.
[83] Dok. "PC3" a fol. 32 tal-proċess.

Dan kollu osservat serjament jimpinġi fuq il-veraċità ta' l-affermazzjoni ta' l-imputati li l-attentat ta' serqa a detriment ta' Josephine Moffat twettaq minn Donna Sciberras, illum Borg, u mhux minnhom. Veraċità li hija iktar u iktar impoġġija f'dubju serju meta jitqies il-fatt li fil-filmati kollha eżaminati mill-Pulizija u mill-Espert Tekniku John Sacco, din Donna Sciberras, illum Borg, ma tidher assolutament imkien, la qabel u lanqas wara l-inċident..

B'hekk fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti hija konvinta – fattwalment u moralment – li l-attentat ta' serq li seħħ a detriment ta' Josephine Moffat fil-11 ta' Settembru 2019 għall-ħabta ta' l-4:15p.m., ġewwwa Hompesch Road, il-Fgura, twettaq mill-imputati Susanne Camilleri u Leslie Farrugia.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-att materjali tar-reat in kwistjoni, ossia tar-reat ta' attentat ta' serq a detriment ta' Josephine Moffat, sehh mill-imputata Susanne Camilleri in kwantu kienet hi li imbuttat lil Josephine Moffat x'ħin din kienet qed titla' l-bankina u ppruvat toħdilha l-portmoni minn idejha. L-imputat Leslie Farrugia kien kompliċi ta' l-imputata Susanne Camilleri f'dan kollu iżda ugwalment responsabbli għal dak li ġara.

Rigward il-kompliċità l-Professur Sir Anthony Mamo jgħallem *now, the notion of participation in an offence implies that one and the same is the offence committed, the subjects responsible therefore are several and consequently, there must be fulfilled in respect of each of them, the conditions required to constitute the subject of an offence. The two or more persons concurring in the offence must be shown to have intended one and the same offence and have done something towards committing it* – ossia jrid jirriżulta *a common design* bejniethom.

Fil-każ in eżami kienu l-imputati flimkien li għall-ewwel waqqfu lil Josephine Moffat jitolbuha għall-flus, kienu l-imputati flimkien li għażlu lil Josephine Moffatt bħala l-vitmma tagħhom u waqt li l-imputata Susanne Camilleri kienet qed tipprova tisraq il-portmoni ta' Josephine Moffat, l-imputat Leslie Farrugia kien qed jagħmlilha s-sinjali minn faċċata u meta ra li l-imputata Susanne Camilleri ma irnexxilhiex tisraq il-portmoni, kemm għaliex Josephine Moffat irreżistiet kif ukoll għaliex inġemgħu n-nies biex iwaqqfu s-serqa, huwa qasam it-triq u pprova jgħatti dak li hu u l-imputata ittentaw jagħmlu fil-konfront ta' Moffat. Fir-rigward fil-fatt Josephine Moffat iddikjarat li huma kienu qed *jgħamlu s-sinjali lil xulxin għax hu* (ossia l-imputat Leslie Farrugia) *kien in-naħa ta' bankina u hi n-naħa l-oħra għax imbagħad hu qasam meta ra li m'għamlet xejn u meta hu qasam qal "aħna ġejna Biex ngħinuk".* Huwa evidenti għalhekk li l-imputati kellhom a *common design* intiż biex jisirqu lil Josephine Moffat, liema att falla u baqa' fl-ambitu tat-tentattiv biss għaliex, kif appena osservat, Josephine Moffat irreżistiet lill-imputata Susanne Camilleri u ntervjenew in-nies – u mhux l-imputati – biex jgħinuha.

L-imputazzjoni fil-konfront ta' l-imputati flimkien hija dik ta' attentat ta' serq aggravat bil-vjolenza u bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37.

Għalkemm mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta li dakinhar ta' l-inċident Josephine Moffat sofriet grieħi ħfief hekk kif ċertifikati minn Dr. Maria Stella Caruana u għalkemm Josephine Moffat ikkonfermat li hija u l-imputata bdew jissieltu għall-portmoni u li imbagħad x'ħin inġemgħu n-nies biex jgħinuha hija waqgħet ma' l-art, ma jirriżultax li din iċ-ċirkostanza partikolari tista' tagħti lok għall-aggravju tal-vjolenza.

L-Artikolu 262(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *sabiex att ta' vjolenza jitqies li jikkwalifika s-serq, huwa biżżejjed li dan l-att isir qabel jew fil-waqt tas-serq, jew minnufih wara, sabiex jgħin il-konsumazzjoni tad-delitt, jew il-ħelsien tal-ħati mill-piena jew mill-arrest jew mill-għagħa ta' l-offiż jew ta' oħrajn jew sabiex il-ħati ma jħallix tiġi lilu meħuda lura l-ħaġa misruqa, jew biex jivvendika ruħu talli ma jkunux ħallewh jew fittxew li ma jħalluhx jisraq, jew talli jkunu ħadulu lura l-ħaġa misruqa, jew talli jkunu ġie mikxuf bħala l-ħalliel.* Minn dan il-provvediment tal-Liġi joħroġ ċar li l-att vjolenti - f'dan il-każ l-att li bih Josephine Moffat sofriet ġrieħi ħfief - irid jitwettaq mill-imputat/a u jrid ikun intimatament konness ma' l-att tas-serqa. Mix-xhieda ta' Josephine Moffat però jirriżulta li hija waqgħet ma' l-art x'ħin inġemgħu n-nies meta bdiet tgħajjat għall-għajjut iżda ma kenitx lil-imputata li waqqatha ma' l-art u ikkawżatilha l-ġrieħi. In effetti Josephine Moffat tgħid *dak il-ħin kif ħatfitli l-portmoni, jiena għafast u ġejna qed niġġieldu għalih niġbdu t-tnejn. Sadanittant peress li l-main road kienu għaddejjin in-nies li kienu qed jinġabru u jiena għajjatt, "qed tipprova tistraqli l-portmoni." Dak il-ħin inġabru n-nies, jiena waqajt fl-art u dak il-ħin li jiena waqajt fl-art u kif waqajt ħassejt il-portmoni għadu f'idejja għedt mela qagħtet qalbha u telqet għax ma irnexxilhiex.* Hija spjegat li waqgħet *għax kulħadd jimbotta speċi f'xulxin, mhux imbuttata minnha per eżempju. Mhux hi mbuttatni.*

Fid-dawl tal-fatt li Josephine Moffat stess tikkonferma li ma kenitx l-imputata li imbuttatha ma' l-art jirriżulta ċar li l-estremi previsti fl-Artikolu 262(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta biex jissussisti l-aggravji tal-vjolenza għaliex Josephine Moffat sofriet xi ġrieħi, f'dan il-każ ma jissussistux.

In kwantu rigwarda l-aggravju tal-valur, l-Artikolu 267 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li s-serq huwa ikkwalifikat bil-"valur", meta *l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94).*

Għalkemm jirriżulta li Josephine Moffat kienet għadha kif marret l-ATM tal-Bank HSBC qabel ma l-imputati ppruvaw jisirquha, ma jirriżultax kemm ġibdet flus u in verità lanqas jirriżulta jekk ġibditx flus stante li f'ħin minnhom l-imputati l-istess Josephine Moffat qaltilhom li ma ġibdet xejn għaliex insiet il-card id-dar. Lanqas ma tressqet prova ta' kemm flus Josephine Moffat seta' kellha fil-portmoni tagħha fil-ħin ta' l-inċident. Fin-nuqqas ta' tali prova ma jistax jiġi kkunsidrat li l-attent ta' serq a detriment ta' Josephine Moffat kien aggravat bil-valur.

Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk jirriżulta ċar li l-imputati jistgħu u għandhom jinstabu ħatja ta' attentat ta' serq semplici a detriment ta' Josephine Moffat, anzjana ta' tmenin (80) sena u dan ai termini ta' l-Artikoli 41(1)(a), 284 u 285 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Imputazzjoni fil-konfront ta' l-imputata Susanne Camilleri:**

L-imputata Susanne Camilleri waħdeha qed tiġi akkużata talli kkaġunat ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Josephine Moffat anzjana ta' tmenin (80) sena.

Fid-dawl ta' dak già iktar 'l fuq ikkunsidrat dwar il-mod kif Josephine Moffat sostniet il-ġrieħi in kwistjoni, partikolarment fejn l-istess Josephine Moffat tgħid b'mod ċar ħafna li ma kenitx l-imputata li waqqgħtha ma' l-art, jsegwi li l-imputata Susanne Camilleri ma tistax u ma għandhiex tinstab ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha waħdeha.

**Imputazzjoni fil-konfront ta' l-imputat Leslie Farrugia:**

L-imputat Leslie Farrugia waħdu qed jiġi akkużat talli:

- Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D. fid-Digriet tagħha ta' l-1 ta' Awwissu 2019 li bih tat il-ħelsien mill-arrest.

  Bl-imsemmi Digriet - vera kopja ta' liema tinsab esebita bħala Dok. "PC4" a fol. 33 tal-proċess - l-imputat Leslie Farrugia ngħata l-ħeslien mill-arrest fil-proċeduri fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Paul Camilleri) v. Leslie Farrugia". L-Ispettur Paul Camilleri, l-Uffiċjal Prosekutur f'dawk il-proċeduri, għaraf lill-imputat odjern bħala l-persuna suġġett ta' dak id-Digriet għall-Ħeslien mill-Arrest. Ai termini ta' l-imsemmi Digriet l-imputat Leslie Farrugia appuntu ngħata l-ħeslien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet, fosthom il-kondizzjoni li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest.

  Una volta li l-imputat Leslie Farrugia rriżulta li huwa ħati tar-reat ta' attentat ta' serq sempliċi a detriment ta' Josephine Moffat, jsegwi li huwa kiser l-imsemmija kondizzjoni imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bid-Digriet mogħti fl-1 ta' Awwissu 2019 u għaldaqstant għandu jinstab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu;

- Fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiża imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D., datata 20 ta' Frar 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel.

  Is-sentenza in kwistjoni ġiet esebita mill-Ispettur Lydon Zammit bħala Dok. "A" a fol. 178 u 179 tal-proċess u mill-ġdid minn Eunice Grech Fiorini, Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, bħala Dok. "EG1" a fol. 320 u 321 tal-proċess u l-istess Eunice Grech Fiorni kkonfermat li minn din is-sentenza ma kienx hemm appell.

  Din l-imsemmija sentenza ngħatat fil-konfront ta' Leslie Farrugia, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 202492(M), li huwa l-istess imputat odjern hekk kif jirriżulta mill-estratt taċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' l-imputat odjern esebit a fol. 3 tal-

proċess. B'din is-sentenza l-imputat Leslie Farrugia nstab ħati ta' l-imputazzjonijiet hemm dedotti fil-konfront tiegħu, ġie ikkundannat *sentenza ta' priġunerija ta' sena u, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li s-sentenza ta' priġunerija ma għandhiex tibda fis-seħħ ħlief jekk, matul perijodu ta' 4 snin millum, l-akkużat jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.*

Kif ingħad is-sentenza msemmija ngħatat fl-20 ta' Frar 2018 u r-reat ta' attentat ta' serq a detriment ta' Josephine Moffat li tiegħu l-imputat qed jinstab ħati twettaq fil-11 ta' Settembru 2019 u b'hekk ben entro t-terminu ta' erba' snin mid-data ta' tali sentenza. Għaldaqstant jirriżulta li l-imputat bħala fatt kiser il-provvedimenti tas-sentenza sospiża imposta fuqu bis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Leslie Farrugia" mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-20 ta' Frar 2018.

- U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi sar reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Għall-finijiet ta' l-addebitu tar-reċidiva, il-Prosekuzzjoni esebiet sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Leslie Farrugia" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-18 ta' Diċembru 2018 - DOk. "B" a fol. 180 sa' 185 tal-proċess. Din l-istess sentenza reġgħet ġiet esebita minn Eunice Grech Fiorini, Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, bħala Dok. "EG2" a fol. 322 sa' 327 tal-proċess u kkonfermat li minn din is-sentenza ma ġiex intavolat appell.

Is-sentenza in kwistjoni ġiet pronunċjata fil-konfront ta' Leslie Farrugia, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 202492(M), li huwa l-istess imputat fil-proċeduri odjerni hekk kif jirriżulta mill-estratt taċ-Ċertifikat tat-Twelid tiegħu a fol. 3 tal-proċess. Bl-imsemmija sentenza Leslie Farrugia ġie kkundannat għall-perijodi ta' sitt (6) xhur priġunerija u r-reat mertu ta' dawn il-proċeduri twettaq fil-11 ta' Settembru 2019 ossia entro t-terminu ta' ħames (5) snin prefiss fl-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Mill-Fedina Penali ta' l-imsemmi imputat Leslie Farrugia esebita a fol. 4 sa' 6 tal-proċess, jirriżulta li s-sentenza odjerna tikkostitwixxi t-tielet kundanna fir-rigward ta' reati kontemplati fis-Subtitolu I tat-Titolu IX tat-Taqsima II ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.

Għaldaqstant l-imputat Leslie Farrugia għandu jiġi trattat bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi:

Fl-ewwel lok ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-vittma ta' l-imputati kienet mara anzjana ta' tmenin (80) li, apparte l-fatt ta' l-età ferm avvanzata tagħha, għalkemm fortunatament ma weġġgħetx b'mod gravi, sofriet xokk qawwi minħabba dak li ġralha.

Għalkemm mir-rapporti ta' l-Uffiċjal tal-Probation Sarah Bezzina li qed issegwi lill-imputata Susanne Camilleri ai termini ta' l-Ordni ta' Superviżjoni Temporaneja imposta fuqha, jirriżulta li l-imputata qed turi motivazzjoni u posittività sabiex tegħleb il-problema tad-droga, il-Qorti ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputata, flimkien ma' l-imputat Leslie Farrugia, ma ħasbithiex darbtejn biex tipprova twaħħal f'ħaddieħor tar-reat imwettaq minnha u mill-imputat Leslie Farrugia u dana minkejja l-fatt li quddiem din il-Qorti kienet qed tixhed taħt ġurament.

In kwantu rigwarda l-imputat Leslie Farrugia, għall-finijiet ta' l-akkuża tal-ksur tal-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest imposti b'Digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-1 ta' Awwissu 2019 u anke għall-finijiet ta' l-akkuża tat-twettiq ta' reat fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, oltre l-età avvanzata tal-vittma u iċ-ċirkostanzi tal-każ, ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li r-reat imwettaq fil-konfront ta' Josephine Moffat kien wieħed ta' natura volontarja u addirittura twettaq biss ftit iktar minn xahar wara li l-istess Leslie Farrugia kien ingħata l-ħelsien mill-arrest in forza ta' l-imsemmi Digriet ta' l-1 ta' Awwissu 2019. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat Leslie Farrugia huwa reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 u ta' l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Apparte dan osservat, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll id-diversi rapporti ta' natura negattiva sottomessi mill-Uffiċjal tal-Probation Maria Mifsud li qed issegwi lill-imputat Leslie Farrugia ai termini ta' l-Ordni ta' Superviżjoni Temporaneja impost fuq l-imsemmi imputat. Mill-aħħar rapport[84] ta' l-imsemmija Uffiċjal tal-Probation, liema rapport huwa ta' l-istess portata bħar-rapporti ta' qablu, jirriżulta li *Leslie Farrugia, minkejja li huwa ngħata għajnuna kemm minn Qrati, mid-Dipartiment tal-Probation u Parole, tobba ta' Detox u aġenziji li jaħdmu ma' nies li għandhom problema ta' droga, jindika li Farrugia qatt ma ħa r-riabilitazzjoni tiegħu bis-serjetà. Leslie Farrugia għandhom bżonn jagħraf li għandu problema ta' droga u sussegwentement jagħmel programm ta' riabilitazzjoni sabiex huwa jindirizza l-problema akuta tad-droga li huwa għandu.*

L-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa' sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat.*

Il-Qorti hawn ittenni li r-reat fil-konfront ta' Josephine Moffat, għad illi huwa reat ta' attentat ta' serq sempliċi, twettaq fuq persuna anzjana ta' 80 sena u l-imputat Leslie Farrugia kien kompliċi fit-twettiq ta' tali reati biss ftit iktar minn xahar wara li kien ingħata l-ħelsien mill-arrest bid-Digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Monica Vella datat 1 ta' Awwissu 2019. F'dan il-kwadru l-Qorti

[84] Fol. 428 sa' 435 tal-proċess.

tqis li l-gravità tas-sitwazzjoni hija tali li timmerita illi s-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) stabbilita bħala garanzija fl-imsemmi Digriet tiġi konfiskata fl-intier tagħha a favur il-Gvern ta' Malta. Apparte minhekk il-Qorti tqis li għandha tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni u filwaqt li d-Digriet għall-Ħeslien mill-Arrest datat 1 ta' Awwissu 2019 għandu jiġi revokat, għandu jiġi ordnat ir-ri-arrest ta' l-imputat.

**Decide:**

Għaldaqstant, filwaqt li tillibera lill-imputata Susanne Camilleri mill-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha waħdeha, ossia l-imputazzjoni li fil-11 ta' Settembru 2019 għall-ħabta ta' 4:15p.m. ġewwa Triq Hompesch, Fgura, ikkaġunat ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Josephine Moffat anzjana ta' 80 sena skond kif iċċertifikat Dr. Stella Caruana, MD2069, miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 28B(1), 28Ċ, 28F, 31, 41(1)(a), 42(d)(e), 49, 50, 284, 285, 289 u 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputati Susanne Camilleri u Leslie Farrugia ħatja ta' attentat ta' serq sempliċi a dannu ta' Josephine Moffat u qed issib lill-imputat Leslie Farrugia waħdu ħati talli rrenda ruħu reċediv, u kiser il-kondizzjonijiet imposti fuq bid-Digriet għall-Ħeslien mill-Arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Monica Vella datat 1 ta' Awwissu 2019 u tikkundannhom:

- Lill-imputata Susanne Camilleri għall-perijodu ta' xahrejn (2) priġunerija effettiva;

- Lill-imputat Leslie Farrugia għall-perijodu ta' sentejn (2) priġunerija effettiva.

In oltre u b'konsegwenza ta' dawk appena deċiż, fir-rigward ta' l-imputat Leslie Farrugia, ai termini ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib illi l-imsemmi imputat wettaq reat ta' natura volontarja li għalih hemm prevista piena ta' priġunerija matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża imposta fuqu in forza tas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Leslie Farrugia" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-20 ta' Frar 2018, u tordna li is-sentenza sospiża, li kienet għal terminu ta' sena (1) priġunerija, tibda sseħħ, ossia t-terminu ta' sena (1) priġunerija li kien sospiż issa jsir terminu ta' sena (1) priġunerija effettiva.

A tenur ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' kull wieħed mill-imputati Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Josephine Moffat. Kull Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' kull wieħed mill-imputati qed jinħareġ għall-perijodu ta' tlett snin (3) dekoribbli mid-data ta' meta kull wieħed mill-imputati jiskonta l-piena ta' priġunerija hawn rispettivament impost fuqhom. Tali Ordni ta' Trażżin qed jiġu hawn imposti taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'żewġ Digrieti mogħtija llum stess, liema Digrieti qed jiġu annessi ma' din is-sentenza u jifformaw parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputati bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqhom bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tagħhom kif ukoll ir-responsabilità ta' kull wieħed minnhom f'każ li jikser/tikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u ċioè li

f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

Fid-dawl ta' dan l-Ordni ta' Trażżin il-Qorti tastjeni milli tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 383, 384, 385 u 386 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għar-raġunijiet già mogħtija iktar 'l fuq, il-Qorti tordna l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000), liema somma tirrappreżenta l-garanzija intiera imposta fuq l-imputat Leslie Farrugia bid-Digriet għall-Ħeslien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Monica Vella datat 1 ta' Awwissu 2019.

In oltre u hekk kif mitlub mill-Prosekuzzjoni u ai termini ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tirrevoka d-Digriet għall-Ħeslien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Monica Vella datat 1 ta' Awwissu 2019 u tordna r-riarrest ta' l-imputat Leslie Farrugia.

Għalkemm fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 28 ta' Settembru 2020 l-Avukat Ġenerali jindika l-Qorti għandha tapplika l-provvedimenti tal-Kap.532A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ tali provvediment tal-Liġi ma jsibx applikazzjoni.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputati Leslie Farrugia u Susanne Camilleri, flimkien u *in solidum* bejniethom, iħallsu lir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali s-somma komplessiva ta' €1,006.26, rappreżentanti spejjeż in konnessjoni mal-ħatra ta' l-Espert l-Avukat Dr. Raisa Colombo u ta' l-Espert Tekniku John Sacco.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**